ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 296

Edizzjoni bil-Malti — Leġiżlazzjoni

Volum 54

15 ta' Novembru 2011

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1150/2011 tal-14 ta' Novembru 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 442/2011 dwar miżuri ristrettivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja** .................. 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1151/2011 tal-14 ta' Novembru 2011 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 442/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja** .................. 3

★ **Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1152/2011 tal-14 ta' Lulju 2011 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri sanitarji preventivi għall-kontroll tal-infezzjoni *Echinococcus multilocularis* fil-klieb** (1) .......... 6

★ **Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1153/2011 tat-30 ta' Awwissu 2011 li jemenda l-Anness Ib mar-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fejn jikkonċerna r-rekwiżiti tekniċi għat-tilqima kontra r-rabja** (1) .................. 13

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1154/2011 tal-10 ta' Novembru 2011 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Zgornjesavinjski želodec (IĠP)]** .................. 14

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

**Prezz: EUR 4**

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1155/2011 tal-10 ta' Novembru 2011 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Šebreljski želodec (IĠP)]** ..... 16

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1156/2011 tal-10 ta' Novembru 2011 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Kočevski gozdni med (DPO)]** ..... 18

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1157/2011 tal-10 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-aringa fl-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni Vb, VIb u VIaN min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Franza** ..... 20

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1158/2011 tal-11 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-haddock fiż-żona IIIa; l-ilmijiet tal-UE tas-Subdiviżjonijiet 22-32 minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Isvezja** ..... 22

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1159/2011 tal-11 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-merluzz fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja** ..... 24

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1160/2011 tal-14 ta' Novembru 2011 dwar l-awtorizzazzjoni u r-rifjut tal-awtorizzazzjoni ta' ċerti stqarrijiet dwar is-saħħa fuq oġġetti tal-ikel u li jirreferu għat-tnaqqis fir-riskju tal-mard** ([1]) ..... 26

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1161/2011 tal-14 ta' Novembru 2011 li jemenda d-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 953/2009 fir-rigward tal-listi ta' sustanzi minerali li jistgħu jiġu miżjuda mal-ikel** ([1]) ..... 29

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1162/2011 tal-14 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ..... 31

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1163/2011 tal-14 ta' Novembru 2011 li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 971/2011 għas-sena tas-suq 2011/12 ..... 33

DIRETTIVI

★ **Direttiva tal-Kummissjoni 2011/90/UE tal-14 ta' Novembru 2011 li temenda Parti II tal-Anness I tad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jipprovdi assunzjonijiet addizzjonali għall-kalkolu tar-rata perċentwali annwali ta' imposta** ([1]) ..... 35

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)*

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 1150/2011

**tal-14 ta' Novembru 2011**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 442/2011 dwar miżuri ristrettivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/273/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fid-9 ta' Mejju 2011, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 442/2011 ([2]) dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja.

(2) Fit-2 ta' Settembru 2011, il-Kunsill emenda ([3]) r-Regolament (UE) Nru 442/2011 biex jestendi l-miżuri kontra s-Sirja, inkluża espansjoni tal-kriterji tal-elenkar mifthiema għall-għan tal-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi, u projbizzjoni fuq ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasportazzjoni taż-żejt mhux maħdum mis-Sirja. Fit-23 ta' Settembru 2011, il-Kunsill emenda ([4]) r-Regolament (UE) Nru 442/2011 biex jestendi aktar il-miżuri kontra s-Sirja, biex jinkludi projbizzjoni fuq l-investiment fis-settur taż-żejt mhux maħdum, iż-żieda ta' aktar elenkar, u projbizzjoni fuq twassil ta' flus tal-karta u muniti tas-Sirja lill-Bank Ċentrali tas-Sirja. Fit-13 ta' Ottubru 2011, il-Kunsill reġa' emenda ([5]) r-Regolament (UE) Nru 442/2011, b'hekk jelenka entità addizzjonali u jagħmel deroga li tippermetti, għal perjodu limitat, l-użu tal-fondi ffriżati rċevuti sussegwentement minn din l-entità b'konnessjoni mal-iffinanzjar ta' kummerċ ma' persuni jew entitajiet mhux maħtura.

(3) Minħabba r-repressjoni brutali li għadha għaddejja u tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem mill-Gvern tas-Sirja, fl-14 ta' Novembru 2011, il-Kunsill addotta id-Deċiżjoni 2011/735/PESK li temenda d-Deċiżjoni 2011/273/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja ([6]) tipprovdi għal miżura addizzjonali, jiġifieri biex tipprojbixxi lill-Bank Ewropew tal-Investiment li jagħmel kwalunkwe ħruġ ta' flus jew ħlas taħt jew b'rabta ma' ftehimiet ta' self eżistenti mas-Sirja u li jissuspendi l-Kuntratti dwar Servizzi ta' Assistenza Teknika eżistenti kollha għal proġetti sovrani li qegħdin fis-Sirja.

(4) Din il-miżura taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, għalhekk, partikolarment bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħha mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha, hemm bżonn ta' azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni sabiex tiġi implimentata.

(5) Barra minn hekk, id-Deċiżjoni 2011/735/PESK tipprovdi għall-aġġornament tal-informazzjoni li tirrigwarda persuna waħda fil-lista fl-Anness mad-Deċiżjoni 2011/273/PESK.

(6) Ir-Regolament (UE) Nru442/2011 għandu jiġi emendat kif meħtieġ.

(7) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament irid jidħol fis-seħħ minnufih,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

L-artikolu i ġej huwa mdaħħal fir-Regolament (UE) Nru 442/2011:

([1]) ĠU L 121, 10.5.2011, p. 11.
([2]) ĠU L 121, 10.5.2011, p. 1
([3]) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 878/2011, ĠU L 228, 3.9.2011, p.1.
([4]) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 950/2011, ĠU L 247, 24.9.2011, p.3.
([5]) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1011/2011, ĠU L 269, 14.10.2011, p.18.
([6]) Ara paġna 53 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali

*"Artikolu 3d*

Il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) għandu:

(a) jkun ipprojbit milli jagħmel kwalunkwe ħruġ ta' flus jew ħlas taħt jew b'rabta ma' kwalunkwe ftehim ta' self eżistenti li jkun sar bejn l-Istat tas-Sirja jew kwalunkwe awtorità pubblika tiegħu u l-BEI.

(b) jissospendi l-Kuntratti dwar Servizzi ta' Assistenza Teknika eżistenti kollha li jirrigwardaw proġetti ffinanzjati taħt il-ftehimiet ta' self msemmija fil-paragrafu (a), u li huma maħsuba għall-benefiċċju dirett jew indirett tal-Istat ts-Sirja jew ta' kwalunkwe awtorita' pubblika tiegħu li għandu jitwettaq fis-Sirja."

*Artikolu 2*

L-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 442/2011 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Novembru 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

*ANNESS*

L-entrata għal Nizar AL-ASSAAD fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 442/2011 huwa sostitwit b'dan li ġej:

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "38. | Nizar Al-Assad (نزار الأسد) | Kuġin ta' Bashar Al-Assad; preċedentement kap tal-kumpannija "Nizar Oilfield Supplies". | Qrib ħafna ta' uffiċjali ewlenin tal-Gvern. Jiffinanzja lil Shabiha fir-reġjun ta' Latakia. | 23.08.2011" |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 1151/2011

## tal-14 ta' Novembru 2011

## li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 442/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 442/2011 tad-9 ta' Mejju 2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fid-9 ta' Mejju 2011, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 442/2011 dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja.

(2) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fis-Sirja u f'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/736/PESK tal-14 ta' Novembru 2011 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/273/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja ([2]), persuni oħrajn għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi li jinsabu fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 442/2011,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-persuni elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament għandhom jiżdiedu mal-lista li tinsab fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 442/2011.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Novembru 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

---

([1]) ĠU L 121, 10.5.2011, p. 1.

([2]) Ara paġna 55 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

*ANNESS*

**Persuni msemmija fl-Artikolu 1**

| | Kunjom | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data ta' elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Maġġur Ġenerali Jumah Al-Ahmad | | Kmandant tal-Forzi Speċjali. Responsabbli għall-użu ta' vjolenza kontra d-dimostranti madwar is-Sirja. | 14.11.2011 |
| 2. | Kurunell Lu'ai al-Ali | | Kap tal-Intelligence Militari Sirjana, Fergħa ta' Dera'a. Responsabbli għall-vjolenza kontra d-dimostranti f'Dera'a. | 14.11.2011 |
| 3. | Logutenent Ġenerali Ali Abdullah Ayyub | | Kap Deputat tal-Persunal Ġenerali (Persunal u Forza tax-Xogħol). Responsabbli għall-użu ta' vjolenza kontra dimostranti madwar is-Sirja. | 14.11.2011 |
| 4. | Logutenent Ġenerali Jasim al-Furayj | | Kap tal-Persunal Ġenerali. Responsabbli għall-użu ta' vjolenza kontra dimostranti madwar is-Sirja. | 14.11.2011 |
| 5. | Ġeneral Aous (Aws) ASLAN | Imwieled fl-1958 | Kap ta' battaljun fi ħdan il-Gwardja Repubblikana. Qarib ta' Maher al-ASSAD u tal-President al-ASSAD. Ipparteċipa fir-ripressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili madwar it-territorju Sirjan. | 14.11.2011 |
| 6. | Ġeneral Ghassan BELAL | | Ġeneral Kmandant tal-uffiċċju riżervat tar-raba' diviżjoni. Kunsillier ta' Maher al-ASSAD u koordinatur tal-operazzjonijiet ta' sigurtà. Responsabbli għar-ripressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili madwar it-territorju Sirjan. | 14.11.2011 |
| 7. | Abdullah BERRI | | Jidderiġi l-milizzji tal-familja BERRI. Responsabbli għall-milizzji progovernattivi implikati fir-ripressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili f'ALEP. | 14.11.2011 |
| 8. | George CHAOUI | | Membru tal-Armata elettronika Sirjana. Ipparteċipa fir-ripressjoni vjolenti u inkoraġġixxa l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili madwar it-territorju Sirjan. | 14.11.2011 |
| 9. | Maġġur Ġenerali Zuhair Hamad | | Kap Deputat tad-Direttorat Ġenerali tal-Intelligence. Responsabbli għall-użu ta' vjolenza madwar is-Sirja u għall-intimidazzjoni u t-tortura ta' dimostranti. | 14.11.2011 |
| 10. | Amar ISMAEL | | Ċivil - Kap tal-Armata elettronika Sirjana (servizz ta' informazzjoni tal-forza tal-art). Ipparteċipa fir-ripressjoni vjolenti u inkoraġġixxa l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili madwar it-territorju Sirjan. | 14.11.2011 |
| 11. | Mujahed ISMAIL | | Membru tal-Armata elettronika Sirjana. Ipparteċipa fir-ripressjoni vjolenti u inkoraġġixxa l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili madwar it-territorju Sirjan. | 14.11.2011 |

| | Kunjom | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data ta' elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 12. | Saqr KHAYR BEK | | Deputat Ministru tal-intern. Responsabbli għar-ripressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja. | 14.11.2011 |
| 13. | Maġġur Ġenerali Nazih | | Direttur Deputat tad-Direttorat Ġenerali tal-Intelligence. Responsabbli għall-użu ta' vjolenza madwar is-Sirja u għall-intimidazzjoni u t-tortura ta' dimostranti. | 14.11.2011 |
| 14. | Kifah MOULHEM | | Kmandant ta' battaljun fi ħdan ir-raba' diviżjoni. Responsabbli għar-ripressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili f'Deïr el-Zor. | 14.11.2011 |
| 15. | Ġeneral Maġġur Wajih Mahmud | | Kmandant tat-18-il Diviżjoni Armata. Responsabbli għall-vjolenza kontra d-dimostranti f'Homs | 14.11.2011 |
| 16. | Bassam SABBAGH | Imwieled fl-24 ta' Awwissu 1959 f'Damas. Indirizz: Kasaa, Triq Anwar al Attar, bini al Midani, Damas. Passaport Sirjan n° 004326765 maħruġ fit-2/11/2008, validu sa Novembru 2014. | Imexxi l-kabinett Sabbagh u Associés (Damas), Avukat fil-Barreau de Paris. Kunsillier legali, finanzjarju u amministratur tal-affarijiet ta' Rami Makhlouf et de Khaldoun Makhlouf. Assoċjat ma' Bachar al-Assad fil-finanzjament ta' proġett ta' bini f'Lattaquié. Ipprovda appoġġ għall-finanzjament tar-reġim. | 14.11.2011 |
| 17. | Ġeneral Luogotenent Tala Mustafa Tlass | | Kap Deputat tal-Persunal Ġenerali (Loġistika u provvisti). Responsabbli għall-użu ta' vjolenza kontra dimostranti madwar is-Sirja. | 14.11.2011 |
| 18. | Maġġur Ġeneral Fu'ad Tawil | | Kap Deputat tal-Forza tal-Ajru Sirjana Responsabbli għall-użu ta' vjolenza madwar is-Sirja u mill-intimidazzjoni u t-tortura ta' dimostranti. | 14.11.2011 |

# REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1152/2011

## tal-14 ta' Lulju 2011

## li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri sanitarji preventivi għall-kontroll tal-infezzjoni *Echinococcus multilocularis* fil-klieb

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar il-ħtiġijiet rigward is-saħħa tal-annimali li japplikaw għall-moviment mhux kummerċjali tal-pets u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE [1], u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 jistipula r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li japplikaw għall-moviment mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi. Partikolarment, jistipula r-regoli applikabbli għall-movimenti mhux kummerċjali fl-Istati Membri ta' klieb, qtates u inmsa u jipprovdi, fejn hemm bżonn, għal miżuri sanitarji preventivi li għandhom jiġu adottati permezz ta' atti delegati biex jiġi żgurat il-kontroll tal-mard, minbarra l-idrofobija, li aktarx jinfirex minħabba ċ-ċaqliq ta' dawk l-annimali. Dawk il-miżuri għandhom ikunu ġġustifikati xjentifikament u għandhom ikunu proporzjonati mar-riskju li dak il-mard jinxtered minħabba dawn il-movimenti.

(2) Barra minn hekk, ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 jipprovdi li l-annimali domestiċi għandu jkollhom magħhom passaport maħruġ minn veterinarju awtorizzat mill-awtorità kompetenti li jiċċertifika, fejn ikun hemm bżonn, li jkunu ttieħdu l-miżuri sanitarji preventivi għall-mard, minbarra l-idrofobija, għall-annimal ikkonċernat.

(3) L-ekinokokkożi alveolari hija marda parassitika kkawżata mid-dudu *Echinococcus multilocularis*. Fejn tiġi stabbilita l-marda, iċ-ċiklu tipiku tat-trażmissjoni tal-parassita fl-Ewropa huwa bbażat fuq il-fawna selvaġġa u jinvolvi l-karnivori selvaġġi bħala organiżmi ospitanti definittivi u bosta speċijiet ta' mammiferi, partikolarment rodenti żgħar, bħala organiżmi ospitanti intermedji li jiġu infettati billi jinġerixxu l-bajd mifrux mill-feċi tal-organiżmi ospitanti definittivi fl-ambjent.

(4) Għalkemm huma ta' importanza sekondarja għall-persistenza taċ-ċiklu tal-ħajja tal-parassita fl-ambjenti endemiċi, il-klieb jistgħu jiġu infettati meta jinġerixxu r-rodenti infettati. Bħala organiżmi ospitanti definittivi potenzjali u minħabba l-kuntatti mill-viċin mal-bnedmin, dawn jistgħu jkunu sors ta' infezzjoni għan-nies kif ukoll sors ta' kontaminazzjoni tal-ambjent, inkluż żoni ħielsa mill-parassiti wara ostakli naturali. Ma hemmx rapporti ta' inmsa bħala organiżmi ospitanti definittivi u skont l-għarfien kurrenti, il-kontribuzzjoni tal-qtates għaċ-ċiklu tat-trażmissjoni hija dubjuża.

(5) Meta l-bnedmin jiġu affettwati bħala organiżmu ospitanti atipiku mil-larva tad-dudu, jiġu osservati sinjali kliniċi u patoloġiċi gravi tal-marda wara perjodu ta' inkubazzjoni twil u f'pazjenti li ma jiġux ittrattati jew li ma jiġux ittrattati tajjeb, il-mortalità tista' tkun iktar minn 90 %. Il-prevalenza dejjem ikbar tal-marda fil-fawna selvaġġa, u b'mod parallel fil-bnedmin, f'ċerti partijiet tal-Ewropa, tikkawża tħassib serju għall-awtoritajiet tas-saħħa pubblika f'ħafna Stati Membri.

(6) Fil-waqt li l-infezzjoni *Echinococcus multilocularis* fl-annimali sseħħ fl-emisfera tat-Tramuntana, inkluż il-partijiet ċentrali u tat-Tramuntana tal-Ewropa, tal-Asja u tal-Amerika ta' Fuq, qatt ma ġiet irreġistrata f'organiżmi ospitanti definittivi domestiċi u selvaġġi f'ċerti żoni tal-Unjoni Ewropea minkejja s-sorveljanza tal-fawna selvaġġa u l-aċċess bla restrizzjonijiet tal-klieb.

(7) Iċ-ċaqliq transkonfinali tal-fawna selvaġġa infettata ġie identifikat mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA), f'opinjoni xjentifika dwar l-Evalwazzjoni tar-riskju tal-introduzzjoni tal-ekinokokkożi fir-Renju Unit, l-Irlanda, l-Isvezja, Malta u l-Finlandja, b'konsegwenza tal-abbandun tar-regoli nazzjonali [2], bħala r-rotta potenzjali ewlenija tad-dħul tal-parassita *Echinococcus multilocularis*, speċjalment f'żoni fejn m'hemmx ostakli fiżiċi effettivi, bħall-ibħra miftuħa. L-EFSA tqis li r-rwol epidemjoloġiku tal-klieb f'habitats endemiċi huwa ta' importanza limitata għaċ-ċiklu tal-ħajja tal-parassita.

(8) Madankollu, l-EFSA tqis li r-riskju li ċ-ċiklu tat-trażmissjoni tal-parassita *Echinococcus multilocularis* jiġi stabbilit f'organiżmi ospitanti intermedji u definittivi selvaġġi xierqa f'żoni li s'issa kienu ħielsa mill-parassita, huwa ikbar minn negliġibbli, fejn il-parassita jiġi introdott miċ-ċaqliq ta' klieb infettati li jarmu l-bajd tad-dudu.

(9) Skont l-EFSA, ir-riskju li l-parassita *Echinococcus multilocularis* jiddaħħal f'żoni li s'issa kienu ħielsa mill-parassita jista' jittaffa jekk il-klieb miż-żoni endemiċi jiġu ttrattati. Sabiex ma terġax isseħħ l-infezzjoni, dan it-trattament għandu jsir malajr kemm jista' jkun qabel id-dħul fiż-żoni ħielsa minn dak il-parassita. Madankollu, jinħtieġ perjodu minimu ta' 24 siegħa wara t-trattament biex il-bajd infettiv li jibqa' ma jintremiex fl-ambjent taż-żona ħielsa mill-parassita.

[1] ĠU L 146, 13.6.2003, p. 1.

[2] *The EFSA Journal* (2006) 441, 1–54 (http://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/doc/441.pdf).

(10) Sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-prodotti mediċinali għall-kontroll tal-infezzjoni *Echinococcus multilocularis* fil-klieb, dawn għandhom ikunu ngħataw awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq skont id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità rigward il-prodotti mediċinali veterinarji ([1]) jew ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ([2]), jew għandhom ikunu ġew approvati jew liċenzjati mill-awtorità indipendenti tal-pajjiż terz tal-oriġini tal-annimal.

(11) L-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 998/2003 jipprevedi li l-Finlandja, l-Irlanda, Malta, l-Isvezja u r-Renju Unit, għal dik li hija l-ekinokokkosi, jistgħu jirrikjedu li d-dħul tal-annimali domestiċi fit-territorju tagħhom ikun suġġett għall-konformità mar-regoli speċjali applikabbli fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dak ir-Regolament. Minħabba li l-Artikolu 16 ta' dak ir-Regolament japplika biss sal-31 ta' Diċembru 2011, jinħtieġ li jiġu adottati miżuri qabel dik id-data, sabiex tkun żgurata l-protezzjoni kontinwa ta' dawk l-Istati Membri msemmija f'dak l-Artikolu li jistqarru li għadhom ħielsa mill-parassita b'riżultat tal-applikazzjoni tar-regoli nazzjonali.

(12) L-esperjenza wriet li l-perjodu ta' 24 sa 48 siegħa għat-trattament rikjest minn xi Stati Membri fir-regoli nazzjonali tagħhom skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 998/2003 jista' jkun diffiċli ħafna jew saħansitra mhux fattibbli għas-sidien tal-annimali domestiċi l-iktar meta t-trattament ikollu jsir fi tmiem il-ġimgħa u l-festi pubbliċi jew meta t-tluq wara t-trattament jiġi ttardjat għal raġunijiet mhux fil-kontroll tas-sid.

(13) Billi l-esperjenza ta' xi Stati Membri oħra li jippermettu perjodu itwal għat-trattament fir-regoli nazzjonali skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 998/2003 u li baqgħu ħielsa mill-parassita, żieda raġonevoli fil-perjodu għat-trattament għal wieħed ta' 24 sa 120 siegħa ma għandhiex iżżid ir-riskju li l-klieb ittrattati minn żoni endemiċi jerġgħu jiġu infettati bil-parassita *Echinococcus multilocularis*.

(14) Il-miżuri sanitarji preventivi għall-kontroll tal-infezzjonijiet tal- *Echinococcus multilocularis* fil-klieb għandhom għalhekk jikkonsistu fl-amministrazzjoni ddokumentata minn veterinarju ta' prodott mediċinali effettiv li jkun awtorizzat jew liċenzjat u li jiggarantixxi l-eliminazzjoni f'waqtha tal-forom intestinali tal-parassita *Echinoccocus multilocularis*.

(15) It-trattament għandu jiġi ddokumentat fit-taqsima relevanti tal-passaport kif stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/803/KE tas-26 ta' Novembru 2003 li tistabbilixxi mudell ta' passaport tal-movimenti fil-Komunità ta' klieb, qtates u inmsa ([3]) jew iċ-ċertifikat tas-saħħa stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/824/KE tal-1 ta' Diċembru 2004 li tistabbilixxi certifikat mudell ta' saħħa għaċ-ċaqliq mhux kummercjali ta' klieb, qtates u inmsa minn pajjiżi terzi lejn il-Komunità ([4]).

(16) Minħabba li l-miżuri sanitarji preventivi jinvolvu ċertu diffikultà, għandhom jiġu applikati b'mod proporzjonat mar-risku tat-tifrix tal-infezzjoni tal-*Echinococcus multilocularis* permezz tal-movimenti mhux kummerjċali tal-klieb domestiċi. Għalhekk, jixraq li dawn ir-riskji jittaffew bl-applikazzjoni tal-miżuri sanitarji preventivi previsti f'dan ir-Regolament lill-movimenti mhux kummerċjali tal-klieb li jidħlu fit-territorju tal-Istati Membri jew partijiet minnhom fejn l-infezzjoni ma kinitx irreġistrata, jiġifieri dawk l-Istati Membri elenkati fil-Parti A tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(17) Barra minn hekk, u strettament għal perjodu limitat ta' żmien, il-miżuri sanitarji preventivi għandhom jiġu applikati wkoll kontra l-introduzzjoni mill-ġdid tal-parassita *Echinococcus multilocularis* fl-Istati Membri jew partijiet minnhom bi prevalenza baxxa ta' dak il-parassita u fejn qed jiġi implimentat programm obbligatorju għall-eradikazzjoni tiegħu fl-organiżmi ospitanti definittivi selvaġġi, jiġifieri dawk l-Istati Membri elenkati fil-Parti B tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(18) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistipula l-kondizzjonijiet dwar is-saħħa tal-annimali li jreġu l-kummerċ u l-importazzjonijiet fil-Komunità' ta' annimali, sperma, bajd u embrijuni li mhumiex suġġetti għall-kondizzjonijiet ta' saħħa stabbiliti fir-regoli Komunitarji speċifiċi msemmija fl-Anness A(I) tad-Direttiva 90/425/KEE ([5]), fost oħrajn tistipula r-regoli tas-saħħa tal-annimali għall-kummerċ u l-importazzjonijiet tal-klieb mill-pajjiżi terzi. Ir-rekwiżiti sanitarji fl-Artikoli 10 u 16 ta' dik id-Direttiva jirreferu għar-Regolament (KE) Nru 998/2003. Għalhekk, fl-interessi tal-konsistenza tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, jixraq li l-programmi għall-eradikazzjoni tal-infezzjoni *Echinococcus multilocularis* fl-organiżmi ospitanti definittivi selvaġġi jitfasslu u jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni u għandhom jiddeskrivu partikolarment l-elementi fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 92/65/KEE.

(19) Billi ċ-ċaqliq tal-klieb minn żona ħielsa mill-parassita *Echinoccocus multilocularis* huwa ta' riskju negliġibbli għat-tifrix tal-marda, ma għandhomx ikunu rikjesti miżuri sanitarji preventivi għal klieb mill-Istati Membri jew partijiet tagħhom elenkati fil-Parti A tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(20) L-Isvezja rrappurtat każijiet ta' infezzjonijiet tal-*Echinoccocus multilocularis* fil-fawna selvaġġa minn Jannar 2011 'l hawn, filwaqt li r-riżultati li bagħtu lill-Kummissjoni l-Irlanda, il-Finlandja u r-Renju Unit tas-sorveljanza tagħhom għall-parassita *Echinoccocus multilocularis* fl-organiżmi ospitanti definittivi selvaġġi jappoġġaw id-dikjarazzjoni tagħhom li l-parassita huwa assenti mill-ekosistemi rispettivi tagħhom.

([1]) ĠU L 311, 28.11.2001, p. 1.
([2]) ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1.
([3]) ĠU L 312, 27.11.2003, p. 1.
([4]) ĠU L 358, 3.12.2004, p. 12.
([5]) ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54.

(21) Malta baghtet evidenza li fuq il-gżira ma hemmx annimali selvaġġi li huma organiżmi ospitanti definittivi xierqa, li l-parassita *Echinococcus multilocularis* qatt ma ġie rreġistrat fl-organiżmi ospitanti definittivi domestiċi indiġeni u li l-ambjent ma jappoġġax popolazzjoni sinifikanti ta' organiżmi ospitanti intermedji potenzjali.

(22) Mill-informazzjoni mibgħuta mill-Irlanda, Malta, il-Finlandja u r-Renju Unit, joħroġ ċar li dawk l-Istati Membri jikkonformaw ma' waħda mill-kundizzjonijiet biex jiġu elenkati fil-Parti A tal-Anness I ta' dan ir-Regolament għat-territorju sħiħ tagħhom. Għalhekk, għandhom jitħallew japplikaw il-miżuri sanitarji preventivi stipulati f'dan ir-Regolament mill-1 ta' Jannar 2012, meta tiskadi l-miżura tranżizzjonali prevista fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 998/2003.

(23) Skont l-opinjoni tal-EFSA tal-2006, it-twaqqigħ tal-bajd infettiv tal-parassita *Echinococcus multilocularis* ma jibdiex qabel 28 jum mill-inġestjoni tal-organiżmu ospitanti intermedju infettat. Għalhekk, dan ir-Regolament għandu jistipula l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' derogi fil-każ li klieb li jkunu se jdumu inqas minn 28 jum wara l-applikazzjoni tal-miżuri sanitarji preventivi fit-territorju tal-Istati Membri jew partijiet minnhom elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, billi ma hemmx riskju li dawk il-klieb jintroduċu l-parassita,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Is-suġġett u l-ambitu**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri sanitarji preventivi għall-kontroll tal-infezzjoni *Echinococcus multilocularis* fil-klieb maħsuba għal movimenti mhux kummerċjali fit-territorji tal-Istati Membri jew partijiet minnhom, u li jiġu determinati fuq il-bażi ta':

(a) in-nuqqas tal-parassita *Echinococcus multilocularis* fl-annimali ospitanti definittivi; jew

(b) l-implimentazzjoni ta' programm għall-eradikazzjoni tal-parassita *Echinococcus multilocularis* fl-annimali ospitanti definittivi selvaġġi, f'perjodu ta' żmien definit.

*Artikolu 2*

**Applikazzjoni ġeografika tal-miżuri sanitarji preventivi**

1. L-Istati Membri elenkati fl-Anness I għandhom japplikaw il-miżuri sanitarji preventivi previsti fl-Artikolu 7 ("il-miżuri sanitarji preventivi") lil klieb maħsuba għal movimenti mhux kummerċjali u li jidħlu fit-territorju ta' dawk l-Istati Membri jew partijiet tagħhom elenkati fl-Anness.

2. L-Istati Membri elenkati fil-Parti A tal-Anness I ma għandhomx japplikaw il-miżuri sanitarji preventivi lill-klieb maħsuba għal movimenti mhux kummerċjali li jiġu direttament minn Stat Membru ieħor elenkat f'dik il-Parti jew partijiet minnu.

3. L-Istati Membri elenkati fil-Parti B tal-Anness I ma għandhomx japplikaw il-miżuri sanitarji preventivi lill-klieb maħsuba għal movimenti mhux kummerċjali li jiġu direttament minn Stat Membru ieħor elenkat fil-Parti A jew partijiet minnu.

*Artikolu 3*

**Kundizzjonijiet biex l-Istati Membri jew partijiet minnhom jiġu elenkati fil-Parti A tal-Anness I**

L-Istati Membri għandhom jiġu elenkati fil-Parti A tal-Anness I, għat-territorju kollu jew partijiet minnu, meta jkunu bagħtu applikazzjoni lill-Kummissjoni li tiddokumenta l-konformità tagħhom ma' mill-inqas waħda minn dawn il-kundizzjonijiet:

(a) ikunu ddikjaraw, skont il-proċedura rrakkomandata fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 1.4.6. tal-Kapitkolu 1.4 tal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri, l-Edizzjoni tal-2010, il-Volum 1, tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE), li t-territorju kollu tagħhom jew parti minnu huwa ħieles mill-infezzjoni tal-*Echinococcus multilocularis* fl-annimali ospitanti definittivi, u hemm fis-seħħ regoli biex l-infezzjonijiet tal-*Echinococcus multilocularis* f'annimali ospitanti jiġu notifikati b'mod obbligatorju skont il-liġi nazzjonali;

(b) matul il-15-il sena qabel id-data ta' dik l-applikazzjoni u mingħajr ma ġie applikat programm ta' sorveljanza speċifiku għall-patoġenu, ma ġietx irreġistrata okkorrenza ta' infezzjoni tal-*Echinococcus multilocularis* fl-annimali ospitanti bil-kundizzjoni li fl-10 snin ta' qabel id-data ta' dik l-applikazzjoni ġew sodisfatti dawn il-kundizzjonijiet:

(i) kienu fis-seħħ regoli biex l-infezzjonijiet tal-*Echinococcus multilocularis* fl-annimali ospitanti jkollhom jiġu notifikati b'mod obbligatorju skont il-liġi nazzjonali;

(ii) kien hemm fis-seħħ sistema ta' individwazzjoni minn kmieni għall-infezzjonijiet tal-*Echinococcus multilocularis* fl-annimali ospitanti;

(iii) kien hemm fis-seħħ miżuri xierqa għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni tal-parassita *Echinococcus multilocularis* mill-annimali ospitanti definittivi domestiċi;

(iv) mhuwiex magħruf li l-infezzjoni bil-parassita *Echinococcus multilocularis* hija stabbilita fl-annimali ospitanti selvaġġi fit-territorju tagħhom;

(c) implimentaw, għal tliet perjodi ta' 12-il xahar qabel id-data ta' dik l-applikazzjoni, programm ta' sorveljanza speċifiku għall-patoġenu li jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Anness II u ma ġietx irreġistrata xi okkorrenza ta' infezzjoni tal-*Echinococcus multilocularis* fl-annimali ospitanti definittivi selvaġġi, u dawn l-okkorrenzi jkunu notifikabbli b'mod obbligatorju skont il-liġi nazzjonali.

*Artikolu 4*

**Kundizzjonijiet biex l-Istati Membri jew partijiet minnhom jiġu elenkati fil-Parti B tal-Anness I**

L-Istati Membri għandhom jiġu elenkati fil-Parti B tal-Anness I għal mhux iktar minn ħames perjodi ta' sorveljanza ta' 12-il xahar kull wieħed, fejn ikunu bagħtu lill-Kummissjoni applikazzjoni li tiddokumenta li:

(a) f'konformità mal-inċiżi fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 92/65/KEE ġie implimentat programm obbligatorju għall-eradikazzjoni tal-infezzjoni *Echinococcus multilocularis* fl-annimali ospitanti definittivi selvaġġi fit-territorju kollu li għandu jiġi elenkat f'dik il-Parti jew parti minnu;

(b) hemm fis-seħħ regoli biex l-infezzjonijiet tal-*Echinococcus multilocularis* fl-annimali ospitanti jiġu notifikati b'mod obbligatorju skont il-liġi nazzjonali.

*Artikolu 5*

**Obbligi tal-Istati Membri elenkati fl-Anness I**

1. L-Istati Membri elenkati fl-Anness I għandhom ikollhom fis-seħħ:

(a) regoli biex l-infezzjonijiet tal-*Echinococcus multilocularis* fl-annimali ospitanti jiġu notifikati b'mod obbligatorju skont il-liġi nazzjonali;

(b) sistema ta' individwazzjoni minn kmieni għall-infezzjonijiet tal-*Echinococcus multilocularis* fl-annimali ospitanti.

2. L-Istati Membri elenkati fl-Anness I għandhom jimplimentaw programm ta' sorveljanza speċifiku għall-patoġenu li jitfassal u jitwettaq skont l-Anness II.

3. L-Istati Membri elenkati fl-Anness I għandhom minnufih jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bl-individwazzjoni ta' kull infezzjoni ta' *Echinococcus multilocularis* f'kampjuni meħuda minn annimali ospitanti definittivi selvaġġi:

(a) matul il-perjodu preċedenti ta' sorveljanza ta' 12-il xahar, fil-każ tal-Istati Membri jew partijiet tagħhom elenkati fil-Parti A tal-Anness I; jew

(b) wara l-ewwel perjodu ta' 24 xahar wara l-bidu tal-programm obbligatorju stipulat fl-Artikolu 4 għall-eradikazzjoni tal-infezzjoni *Echinococcus multilocularis* fl-annimali ospitanti definittivi selvaġġi fl-Istati Membri jew partijiet tagħhom elenkati fil-Parti B tal-Anness I.

4. L-Istati Membri elenkati fl-Anness I għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni r-riżultat tal-programm ta' sorveljanza speċifiku għall-patoġenu msemmi fil-paragrafu 2 sal-31 ta' Mejju wara t-tmiem ta' kull perjodu ta' sorveljanza ta' 12-il xahar.

*Artikolu 6*

**Kundizzjonijiet għat-tneħħija tal-Istati Membri jew partijiet tagħhom mill-Anness I**

Il-Kummissjoni għandha tneħħi lill-Istati Membri jew partijiet tagħhom mil-lista rispettiva stipulata fl-Anness I meta:

(a) il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5(1) ma jkunux għadhom japplikaw; jew

(b) tkun ġiet individwata l-okkorrenza ta' infezzjoni *Echinococcus multilocularis* fl-annimali ospitanti definittivi matul il-perjodi ta' sorveljanza msemmija fl-Artikolu 5(3); jew

(c) ir-rapport imsemmi fl-Artikolu 5(4) ma ġiex mgħoddi lill-Kummissjoni qabel l-iskadenza stipulata fl-Artikolu 5(4); jew

(d) il-programm ta' eradikazzjoni previst fl-Artikolu 4 jkun twaqqaf.

*Artikolu 7*

**Miżuri sanitarji preventivi**

1. Il-klieb maħsuba għall-movimenti mhux kummerċjali fl-Istati Membri jew partijiet minnhom elenkati fl-Anness I għandhom jiġu ttrattati kontra l-forom intestinali maturi u immaturi tal-parassita *Echinococcus multilocularis* fi żmien perjodu ta' mhux iktar minn 120 siegħa u mhux inqas minn 24 siegħa qabel id-dħul skedata f'dawn l-Istati Membri jew partijiet minnhom.

2. It-trattament previst fil-paragrafu 1 għandu jingħata minn veterinarju u għandu jikkonsisti minn prodott mediċinali:

(a) li fih id-doża xierqa ta':

(i) praziquantel; jew

(ii) sustanzi attivi farmakoloġikament, li waħidhom jew flimkien, ikunu ppruvati li jnaqqsu l-ammont ta' forom intestinali maturi u immaturi tal-parassita *Echinococcus multilocularis* fl-ispeċi ospitanti kkonċernata;

(b) li jkun ingħata:

(i) awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/82/KE jew l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 726/2004; jew

(ii) approvazzjoni jew liċenzja mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz minn fejn ġej il-kelb maħsub għall-moviment mhux kummerċjali.

3. It-trattament previst fil-paragrafu 1 għandu jkun iċċertifikat minn:

(a) il-veterinarju li jamministrah fit-taqsima relevanti tal-passaport mudell stabbilit mid-Deċiżjoni 2003/803/KE, fil-każ ta' moviment mhux kummerċjali tal-klieb ġewwa l-UE stess; jew

(b) veterinarju uffiċjali fit-taqsima relevanti tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali stabbilit mid-Deċiżjoni 2004/824/KE, fil-każ ta' moviment mhux kummerċjali tal-klieb minn pajjiż terz.

*Artikolu 8*

**Deroga mill-applikazzjoni tal-miżuri sanitarji preventivi**

1. B'deroga mill-Artikolu 7(1), il-moviment mhux kummerċjali fl-Istati Membri jew partijiet tagħhom elenkati fl-Anness I għandu jkun permess għal klieb li jkunu ġew soġġetti għall-miżuri sanitarji preventivi kif previst:

(a) fl-Artikolu 7(2) u l-Artikolu 7(3)(a), mill-inqas darbtejn f'intervall ta' mhux iktar minn 28 jum u t-trattament jiġi ripetut sussegwentement f'intervalli regolari ta' mhux iktar minn 28 jum;

(b) fl-Artikolu 7(2) u (3), mhux inqas minn 24 hours qabel id-dħul, u mhux iktar minn 28 jum qabel id-data tat-tlestija tat-tranżitu, f'liema każ dawk il-klieb għandhom jgħaddu minn punt tad-dħul tal-vjaġġaturi elenkat minn dak l-Istat Membru skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 998/2003.

2. Id-deroga prevista fil-paragrafu 1 għandha tapplika biss għall-movimenti ta' klieb li jidħlu f'dawk l-Istati Membri jew partijiet tagħhom elenkati fl-Anness I li jkunu:

(a) innotifikaw lill-Kummissjoni bil-kundizzjonijiet għall-kontroll ta' dawn il-movimenti; u

(b) ippubblikaw dawn il-kundizzjonijiet.

*Artikolu 9*

**Reviżjoni**

Il-Kummissjoni għandha:

(a) tirrevedi dan ir-Regolament mhux iktar tard minn ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu fid-dawl tal-iżviluppi xjentifiċi dwar l-infezzjoni *Echinococcus multilocularis* fl-annimali;

(b) tibgħat ir-riżultati tar-reviżjoni tagħha lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

Ir-reviżjoni għandha tevalwa partikolarment il-proporzjonalità u l-ġustifikazzjoni xjentifika tal-miżuri sanitarji preventivi.

*Artikolu 10*

**Dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Lulju 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS I*

PARTI A

**Lista ta' Stati Membri jew partijiet minnhom li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3**

| Kodiċi ISO | Stat Membru | Il-parti tat-territorju |
|---|---|---|
| FI | IL-FINLANDJA | It-territorju kollu |
| GB | IR-RENJU UNIT | It-territorju kollu |
| IE | L-IRLANDA | It-territorju kollu |
| MT | MALTA | It-territorju kollu |

PARTI B

**Lista ta' Stati Membri jew partijiet minnhom li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4**

| Kodiċi ISO | Stat Membru | Il-parti tat-territorju |
|---|---|---|
| | | |

*ANNESS II*

**Ir-rekwiżiti għall-programm ta’ sorveljanza speċifiku għall-patoġenu previst fil-punt (c) tal-Artikolu 3**

1. Il-programm ta’ sorveljanza speċifiku għall-patoġenu għandu jitfassal biex jindividwa għal kull unità ġeografika epidemjoloġikament relevanti fl-Istat Membru jew parti minnu prevalenza ta’ mhux iktar minn 1 % f’livell ta’ fiduċja ta’ għallinqas 95 %.

2. Il-programm ta’ sorveljanza speċifiku għall-patoġenu għandu juża kampjuni xierqa, abbażi tar-riskju jew rappreżentattivi, li jiżguraw l-individwazzjoni tal-parassita *Echinococcus multilocularis* jekk ikun preżenti fi kwalunkwe parti tal-Istat Membru fil-prevalenza speċifikata fil-punt 1.

3. Il-programm ta’ sorveljanza speċifiku għall-patoġenu għandu jikkonsisti fil-ġbir, matul il-perjodu ta’ sorveljanza ta’ 12-il xahar, ta’ kampjuni mill-annimali ospitanti definittivi selvaġġi jew, fil-każ fejn hemm evidenza tan-nuqqas ta’ annimali ospitanti definittivi selvaġġi, mill-annimali ospitanti definittivi domestiċi, u li għandhom jiġu analizzati bl-eżaminazzjoni ta’:

   (a) il-kontenut intestinali għall-individwazzjoni tal-parassita *Echinococcus multilocularis* bil-metodu tas-sedimentazzjoni u l-għadd (SCT - sedimentation and counting technique), jew b’metodu ta’ sensittività u speċifiċità ekwivalenti; jew

   (b) il-feċi għall-individwazzjoni tal-aċidu deossiribonukleiku (DNA) speċifiku għall-ispeċi mit-tessut jew bajd tal-parassit tal-Echinococcus multilocularis permezz tar-reazzjoni tal-katina tal-polimerażi (PCR), jew metodu ta’ sensittività u speċifiċità ekwivalenti.

# REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1153/2011

## tat-30 ta' Awwissu 2011

## li jemenda l-Anness Ib mar-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fejn jikkonċerna r-rekwiżiti tekniċi għat-tilqima kontra r-rabja

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar il-ħtiġijiet rigward is-saħħa tal-annimali li japplikaw għall-moviment mhux kummerċjali tal-pets u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE [1], u b' mod partikolari l-Artikolu 19a(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 jistabbilixxi r-rekwiżiti dwar is-saħħa tal-annimali applikabbli għall-moviment mhux b'għan kummerċjali bejn l-Istati Membri ta' klieb, qtates u inmsa kif elenkat fil-Partijiet A u B tal-Anness I ta' miegħu. Huwa jistipula li dawn l-annimali għandu jkollhom magħhom passaport li jiċċertifika li saret tilqima valida kontra r-rabja fuq l-annimal ikkonċernat skont l-Anness Ib mar-Regolament (KE) Nru 998/2003, u jistipula wkoll li r-rekwiżiti tekniċi għat-tilqim kontra r-rabja, kif stabbiliti fl-Anness Ib, jistgħu jiġu emendati permezz ta' atti delegati.

(2) L-Anness Ib mar-Regolament (KE) Nru 998/2003 jistipula li tilqima kontra r-rabja tista' titqies li hi valida biss jekk, skont affarijiet oħra, id-data tat-tilqima ma tkunx qabel id-data tal-mikroċippa indikata fil-passaport jew f'ċertifikat tas-saħħa tal-annimali li jkun qed jakkompanja l-annimal ikkonċernat. Iżda anki annimal li jkun sarlu tatwaġġ li jista' jinqara faċilment qabel it-3 ta' Lulju 2011 huwa meqjus li hu identifikat skont dan ir-Regolament. Għaldaqstant, għall-fini ta' ċarezza tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, jeħtieġ li jiġi emendat l-Anness Ib mar-Regolament (KE) Nru 998/2003 biex ikun jistipula li tilqima kontra r-rabja tista' titqies li tkun valida jekk, fost affarijiet oħra, id-data tat-tilqima kontra r-rabja ma tkunx qabel id-data tal-mikroċippa jew tat-tatwaġġ.

(3) L-Anness Ib mar-Regolament (KE) Nru 998/2003 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fl-Anness Ib mar-Regolament (KE) Nru 998/2003, il-punt 2(b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) id-data msemmija fil-punt (a) ma tistax tkun qabel id-data tal-mikroċippa jew tat-tatwaġġ imniżżla:

(i) fit-Taqsima III(2) jew III(5) tal-passaport; jew

(ii) fit-taqsima rilevanti taċ-ċertifikat dwar saħħet l-annimal li jkun qed jakkompanjah;"

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussell, it-30 ta' Awwissu 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 146, 13.6.2003, p. 1.

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1154/2011**

**tal-10 ta' Novembru 2011**

**li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Zgornjesavinjski želodec (IĠP)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikulari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, it-talba mis-Slovenja biex id-denominazzjoni "Zgornjesavinjski želodec" tiddaħħal fir-reġistru ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2])

(2) Ladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda stqarrija ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, din id-denominazzjoni għandha tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament b'dan qed tiddaħħal fir-reġistru.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Dacian CIOLOŞ
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
([2]) ĠU C 45, 12.2.2011, p. 28.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsubin għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I għat-Trattat:

**Klassi 1.2. Prodotti tal-laħam (imsajra, immellħa, affumikati, eċċ.)**

IS-SLOVENJA

Zgornjesavinjski želodec (IĠP)

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1155/2011

## tal-10 ta' Novembru 2011

## li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Šebreljski želodec (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikulari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, it-talba mis-Slovenja biex id-denominazzjoni "Šebreljski želodec" tiddaħħal fir-reġistru ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Ladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda stqarrija ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, din id-denominazzjoni għandha tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament b'dan qed tiddaħħal fir-reġistru.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Dacian CIOLOŞ
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
([2]) ĠU C 45, 12.2.2011, p. 25.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsubin għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I għat-Trattat:

**Klassi 1.2. Prodotti tal-laħam (imsajra, immellħa, affumikati, eċċ.)**

IS-SLOVENJA

Šebreljski želodec (IĠP)

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1156/2011

## tal-10 ta' Novembru 2011

## li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Kočevski gozdni med (DPO)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel [1], u b'mod partikulari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, it-talba mis-Slovenja biex id-denominazzjoni "Kočevski gozdni med" tiddaħħal fir-reġistru ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2].

(2) Ladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda stqarrija ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, din id-denominazzjoni għandha tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament b'dan qed tiddaħħal fir-reġistru.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Dacian CIOLOȘ
*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
[2] ĠU C 70, 4.3.2011, p. 11.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsubin għall-konsum uman elenkati fl-Anness I tat-Trattat:

**Klassi 1.4. Prodotti oħra li ġejjin mill-annimali (bajd, għasel, diversi prodotti tal-ħalib minbarra l-butir, eċċ.)**

IS-SLOVENJA

Kočevski gozdni med (DPO)

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1157/2011

## tal-10 ta' Novembru 2011

## li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-aringa fl-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni Vb, VIb u VIaN min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Franza

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 57/2011 tat-18 ta' Jannar 2011 li jiffissa għall-2011 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-UE u, għal bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE [2], jistabbilixxi kwoti għall-2011.

(2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru mill-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2011.

(3) Jeħtieġ għalhekk li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd għall-2011 allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat, ittrasportat, jew jinħatt l-art ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Lowri EVANS
*Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

---

(1) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.
(2) ĠU L 24, 27.1.2011, p. 1.

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 66/T&Q |
| Stat Membru | Franza |
| Stokk | HER/5B6ANB |
| Speċi | Aringa (*Clupea harengus*) |
| Żona | L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni Vb, VIb u VIaN |
| Data | 12.10.2011 |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1158/2011

## tal-11 ta’ Novembru 2011

## li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-haddock fiż-żona IIIa; l-ilmijiet tal-UE tas-Subdiviżjonijiet 22-32 minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Isvezja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta’ Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta’ kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd [1], u b’mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 57/2011 tat-18 ta’ Jannar 2011 li jiffissa għall-2011 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta’ stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-UE u, għal bastimenti tal-UE, f’ċerti ilmijiet mhux tal-UE [2], jistabbilixxi kwoti għall-2011.

(2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet tal-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew li huma rreġistrati fih eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2011.

(3) Jeħtieġ għalhekk li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd għall-2011 allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f’dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f’dak l-Anness. B’mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat, ittrasportat, jew jinħatt l-art ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta’ wara l-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta’ Novembru 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f’isem il-President,*
Lowri EVANS
*Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

---

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.
[2] ĠU L 24, 27.1.2011, p. 1.

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 69/T&Q |
| Stat Membru | L-Isvezja |
| Stokk | HAD/3 A/BCD |
| Speċi | Haddock (*Melanogrammus aeglefinus*) |
| Żona | IIIa; l-ilmijiet tal-UE tas-Subdiviżjonijiet 22-32 |
| Data | 24.10.2011 |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1159/2011

## tal-11 ta' Novembru 2011

## li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-merluzz fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja

Il-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 57/2011 tat-18 ta' Jannar 2011 li jiffissa għall-2011 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-UE u, għal bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE [2], jistabbilixxi kwoti għall-2011.

(2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru mill-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2011.

(3) Jeħtieġ għalhekk li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd għall-2011 allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat, ittrasportat, jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Novembru 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Lowri EVANS
*Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

---

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.
[2] ĠU L 24, 27.1.2011, p. 1.

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 67/T&Q |
| Stat Membru | Spanja |
| Stokk | COD/1N2AB. |
| Speċi | Merluzz (*Gadus morhua*) |
| Żona | L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II |
| Data | 6.7.2011 |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1160/2011

## tal-14 ta' Novembru 2011

## dwar l-awtorizzazzjoni u r-rifjut tal-awtorizzazzjoni ta' ċerti stqarrijiet dwar is-saħħa fuq oġġetti tal-ikel u li jirreferu għat-tnaqqis fir-riskju tal-mard

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17(3) tiegħu,

Billi:

(1) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 l-istqarrijiet li jsiru rigward l-effetti tal-ikel fuq is-saħħa huma ipprojbiti sakemm dawn ma jkunux awtorizzati mill-Kummissjoni b'konformità ma' dan ir-Regolament u inklużi f'lista ta' stqarrijiet permessi.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 jistipula wkoll li l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet ta' stqarrijiet dwar is-saħħa jistgħu jitressqu mill-operaturi tan-negozji tal-ikel quddiem l-awtorità kompetenti nazzjonali ta' Stat Membru. L-awtorità kompetenti nazzjonali għandha tressaq l-applikazzjonijiet validi quddiem l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA), minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Awtorità".

(3) Wara li tirċievi applikazzjoni, l-Awtorità għandha tgħarraf mingħajr dewmien lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni u tipprovdi opinjoni fuq l-istqarrija dwar is-saħħa kkonċernata.

(4) Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-awtorizzazzjoni ta' stqarrijiet dwar is-saħħa filwaqt li tqis l-opinjoni mogħtija mill-Awtorità.

(5) Wara applikazzjoni minn CreaNutrition AG, imressqa skont l-Artikolu 14(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-Awtorità ntalbet tagħti opinjoni dwar stqarrija dwar is-saħħa relatata mal-effetti tal-betaglukan tal-ħafur fuq it-tnaqqis tal-kolesterol fid-demm (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-681) ([2]). L-istqarrija proposta mill-applikant kienet tgħid dan li ġej: "L-inklużjoni tal-betaglukan tal-ħafur bħala parti minn dieta bbilanċjata tista' tnaqqas b'mod attiv l-LDL fid-demm (lipoproteina b'densità baxxa) u l-kolesterol totali".

(6) Abbażi tad-dejta ppreżentata, fl-opinjoni tagħha li waslet għand il-Kummissjoni u għand l-Istati Membri fit-8 ta' Diċembru 2010, l-Awtorità kkonkludiet li ma kienet ġiet stabbilita l-ebda relazzjoni bejn il-konsum tal-betaglukan tal-ħafur u t-tnaqqis tal-konċentrazzjonijiet tal-kolesterol LDL fid-demm. Għaldaqstant, stqarrija dwar is-saħħa li tirrifletti din il-konklużjoni għandha titqies bħala konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, u għandha tiġi inkluża fil-lista tal-Unjoni ta' stqarrijiet li huma permessi.

(7) L-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 jistipula li opinjoni favur l-awtorizzazzjoni ta' stqarrija dwar is-saħħa għandha tinkludi ċerti dettalji. Għaldaqstant, dawk id-dettalji għandhom jiġu stipulati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-istqarrija awtorizzata u għandhom jinkludu, skont il-każ, ir-reviżjoni tal-kliem tal-istqarrija, il-kundizzjonijiet speċifiċi rigward l-użu tal-stqarrija, u, fejn japplikaw, il-kundizzjonijiet jew ir-restrizzjonijiet tal-użu tal-ikel u/jew dikjarazzjoni jew twissija addizzjonali, skont ir-regoli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 u konformi mal-opinjonijiet tal-Awtorità.

(8) Wieħed mill-għanijiet tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 huwa li jiżgura li l-istqarrijiet dwar is-saħħa huma vera, ċari u affidabbli u utli għall-konsumatur, u li l-formolazzjoni tal-kliem u l-preżentazzjoni jitqiesu f'dan ir-rigward; għalhekk jekk il-formolazzjoni tal-kliem għall-istqarrijiet għall-konsumaturi jkollha l-istess tifsira ta' stqarrija dwar is-saħħa awtorizzata, rigward li turi li teżisti l-istess relazzjoni bejn kategorija tal-ikel, ikel jew wieħed mill-kostitwenti tiegħu u s-saħħa, għandha tkun suġġetta għall-istess kundizzjonijiet ta' użu indikati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

(9) Wara applikazzjoni minn HarlandHall L.t.d. (f'isem l-Assoċjazzjoni tal-Proteina tas-Sojja, il-Federazzjoni Ewropea tal-Proteina Veġetali u l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Manifatturi tal-Ikel tas-Sojja Naturali), imressqa skont l-Artikolu 14(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-Awtorità intalbet tagħti opinjoni dwar stqarrija dwar is-saħħa rrelatata mal-effetti tal-proteina tas-sojja fuq it-tnaqqis tal-konċentrazzjonijiet tal-kolesterol fid-demm (Il-Mistoqsija Nru EFSA-Q-2009-00672) ([3]). L-istqarrija proposta mill-applikant kienet tgħid dan li ġej: "Intwera li l-proteina tas-sojja mill-pjanti tbaxxi/tnaqqas il-kolesterol fid-demm; it-tnaqqis tal-kolesterol fid-demm jista' jnaqqas ir-riskju tal-mard tal-qalb (koronarju)".

([1]) ĠU L 404, 30.12.2006, p. 9.

([2]) *EFSA Journal* (2010); 8(12):1885.

([3]) *EFSA Journal* 2010; 8(7):1688.

(10) Abbażi tad-dejta ppreżentata, fl-opinjoni tagħha li waslet għand il-Kummissjoni u għand l-Istati Membri fit-30 ta' Lulju 2010, l-Awtorità kkonkludiet li ma kienet ġiet stabbilita l-ebda relazzjoni bejn il-konsum tal-proteina tas-sojja u l-effett mistqarr. Għaldaqstant, billi l-istqarrija ma tikkonformax mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, ma għandhiex tiġi awtorizzata.

(11) Wara applikazzjoni minn Danone France, mressqa skont l-Artikolu 14(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-Awtorità ntalbet tagħti opinjoni dwar stqarrija dwar is-saħħa relatata mal-effetti tal-Actimel®, prodott tal-ħalib iffermentat li fih il-*Lactobacillus casei* DN-114 001 u simbjożi tal-jogurt dwar it-tnaqqis tal-preżenza tat-tossini tal-*Clostridium difficile* fl-imsaren (Il-Mistoqsija Nru EFSA-Q-2009-00776) ([1]). L-istqarrija proposta mill-applikant kienet tgħid dan li ġej: "Il-ħalib iffermentat li fih il-probijotiku *Lactobacillus casei* DN-114001 u simbjożi tal-jogurt inaqqsu l-preżenza tat-tossini tal-*Clostridium difficile* fl-imsaren (ta' nies li qed jixjieħu suxxettibbli). Il-preżenza tat-tossini *Clostridium difficile* hija marbuta mal-inċidenza tad-dijarea akuta".

(12) Fuq il-bażi tad-dejta ppreżentata, l-Awtorità kkonkludiet fl-opinjoni tagħha li wasslet għand il-Kummissjoni u l-Istati Membri fit-8 ta' Diċembru 2010 li l-evidenza pprovduta hija insuffiċjenti biex tistabbilixxi relazzjoni ta' kawża u effett bejn il-konsum tal-Actimel® u t-tnaqqis tar-riskju tad-dijarea *C. difficile* billi titnaqqas il-preżenza tat-tossini *C. difficile*. Għaldaqstant, billi l-istqarrija ma tikkonformax mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, ma għandhiex tiġi awtorizzata.

(13) Il-Kummissjoni qieset il-kummenti li rċeviet mingħand l-applikanti u l-membri tal-pubbliku skont l-Artikolu 16(6) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 hija u tistabbilixxi l-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament.

(14) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponewhom,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. L-stqarrijiet dwar is-saħħa elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament jistgħu jsiru dwar oġġetti tal-ikel fis-suq tal-Unjoni Ewropea b'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness.

2. L-stqarrijiet dwar is-saħħa msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu inklużi fil-lista tal-Unjoni ta' stqarrijiet permessi kif stipulat fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006.

*Artikolu 2*

L-istqarrijiet dwar is-saħħa elenkati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament ma għandhomx jiġu inklużi fil-lista tal-Unjoni ta' stqarrijiet permessi stipulati fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Novembru 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

([1]) *EFSA Journal* 2010 8(12):1903.

*ANNESS I*

## STQARRIJA DWAR IS-SAĦĦA PERMESSA

| Applikazzjoni – Dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 | Applikant - Indirizz | Nutrijent, sustanza, ikel jew kategorija ta' ikel | Stqarrija | Kundizzjonijiet tal-użu tal-istqarrija | Kundizzjonijiet u/jew restrizzjonijiet fuq l-użu tal-ikel u/jew dikjarazzjoni jew twissija addizzjonali | Referenza tal-opinjoni tal-EFSA |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Stqarrija dwar is-saħħa li tirreferi għal tnaqqis fir-riskju tal-mard, skont l-Artikolu 14(1)(a) | CreaNutrition AG, Business Park, 6301 Zug, L-Isvizzera | Betaglukan tal-ħafur | Intwera li l-betaglukan tal-ħafur ibaxxi/inaqqas il-kolesterol fid-demm. Il-kolesterol għoli huwa fattur ta' riskju fl-iżvilupp tal-mard koronarju tal-qalb. | Għandu jingħata tagħrif lill-konsumaturi li l-effett benefiċjali jinkiseb permezz ta' doża ta' kuljum ta' 3 g ta' betaglukan tal-ħafur.<br>L-istqarrija tista' tintuża għal ikel li jipprovdi mill-inqas 1 g ta' betaglukan f'kull porzjon ikkwantifikat. | | Q-2008-681 |

*ANNESS II*

## STQARRIJIET DWAR IS-SAĦĦA RRIFJUTATI

| Applikazzjoni – Dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 | Nutrijent, sustanza, ikel jew kategorija ta' ikel | Stqarrija | Referenza tal-opinjoni tal-EFSA |
|---|---|---|---|
| Stqarrija dwar is-saħħa li tirreferi għal tnaqqis fir-riskju tal-mard, skont l-Artikolu 14(1)(a) | Proteina tas-sojja | Intwera li l-proteina tas-sojja tbaxxi/tnaqqas il-kolesterol fid-demm. it-tnaqqis tal-kolesterol fid-demm jista' jnaqqas ir-riskju tal-mard tal-qalb (koronarju) | Q-2009-00672 |
| Stqarrija dwar is-saħħa li tirreferi għal tnaqqis fir-riskju tal-mard, skont l-Artikolu 14(1)(a) | ACTIMEL® *Lactobacillus casei* DN-114 001 bis-simbjożi tal-jogurt | Il-ħalib iffermentat li fih il-probijotiku *Lactobacillus casei* DN-114 001 u simbjożi tal-jogurt inaqqsu l-preżenza tat-tossini tal-*Clostridium difficile* fl-istonku (ta' nies li qed jixjieħu suxxettibbli). Il-preżenza tat-tossini *Clostridium difficile* hija assoċjata mal-inċidenza tad-diarrohea akuta. | Q-2009-00776 |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1161/2011

## tal-14 ta' Novembru 2011

## li jemenda d-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 953/2009 fir-rigward tal-listi ta' sustanzi minerali li jistgħu jiġu miżjuda mal-ikel

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(5) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar iż-żieda ta' vitamini u minerali u ta' ċerti sustanzi oħra mal-ikel [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-oġġetti tal-ikel għal użu ta' nutriment partikolari [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tagħha,

Wara li kkonsultat lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA),

Billi:

(1) L-Anness II tad-Direttiva 2002/46/KE jistabbilixxi l-lista ta' vitamini u sustanzi minerali li jistgħu jintużaw għall-manifattura ta' supplimenti tal-ikel. Ir-Regolament tal-Kummissjoni 1170/2009 [4] issostitwixxa l-Annessi I u II tad-Direttiva 2002/46/KE. Il-modifiki lil-lista fl-Anness II tad-Direttiva 2002/46/KE kif immodifikata minn dak ir-Regolament għandhom jiġu adottati f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' dik id-Direttiva u skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 13(3) tagħha.

(2) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006 jistabbilixxi l-lista tal-vitamini u s-sustanzi minerali li jistgħu jiżdiedu mal-ikel.

(3) L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 953/2009 [5] jistabbilixxi l-lista ta' sustanzi li jistgħu jiżdiedu għal skopijiet nutrittivi speċifiċi fl-ikel għal użijiet nutrittivi partikolari.

(4) L-EFSA evalwat sustanzi minerali ġodda għall-użu fl-ikel. Is-sustanzi li l-EFSA esprimiet opinjoni favorevoli dwarhom għandhom jiżdiedu mal-listi f'dawk l-atti.

(5) Il-partijiet interessati ġew ikkonsultati permezz tal-Grupp Konsultattiv dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u tal-Pjanti u l-kummenti mogħtija ġew ikkunsidrati.

(6) Id-Direttiva 2002/46/KE, ir-Regolament (KE) Nru 1925/2006 u r-Regolament (KE) Nru 953/2009 għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.

(7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponiehom,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-Punt B tal-Anness II tad-Direttiva 2002/46/KE huwa emendat kif ġej:

(a) dawn il-punti għandhom jiddaħħlu wara "fosfat ferruż"

"fosfat ferruż tal-ammonju

EDTA ferriku tas-sodju"

(b) dawn li ġejjin jiddaħħlu wara "melħ tas-sosdju tal-aċidu ortofosforiku":

"sulfat tas-sodju

sulfat tal-potassju".

[1] ĠU L 183, 12.7.2002, p. 51.
[2] ĠU L 404, 30.12.2006, p. 26.
[3] ĠU L 124, 20.5.2009, p. 21.
[4] ĠU L 314, 1.12.2009, p. 36.
[5] ĠU L 269, 14.10.2009, p. 9.

*Artikolu 2*

Il-Punt 2 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006 huwa emendat kif ġej:

(a) dawn il-punti għandhom jiddaħħlu wara "sulfat ferruż"

"fosfat ferruż tal-ammonju

EDTA ferriku tas-sodju"

(b) dan li ġej jiddaħħal wara "sulfat tal-kromu (III) u l-eżaidrat tiegħu":

"pikolinat tal-kromu".

*Artikolu 3*

Il-Kategorija 2 (Minerali) tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 953/2009 hija emendata kif ġej:

(a) dawn il-punti għandhom jiddaħħlu wara "sulfat ferruż"

| | | |
|---|---|---|
| "fosfat ferruż tal-ammonju | x | |
| EDTA ferriku tas-sodju | x" | |

(b) dan li ġej jiddaħħal wara "sulfat tal-kromu (III) u l-eżaidrat tiegħu":

| | | |
|---|---|---|
| "pikolinat tal-kromu | x" | |

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Novembru 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1162/2011

## tal-14 ta' Novembru 2011

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-15 ta' Novembru 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Novembru 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta’ dħul ta’ ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | AL | 64,0 |
| | AR | 40,4 |
| | MA | 67,1 |
| | TR | 89,1 |
| | ZZ | 65,2 |
| 0707 00 05 | AL | 64,0 |
| | TR | 143,9 |
| | ZZ | 104,0 |
| 0709 90 70 | AR | 61,1 |
| | MA | 59,0 |
| | TR | 129,4 |
| | ZZ | 83,2 |
| 0805 20 10 | MA | 115,3 |
| | ZA | 71,4 |
| | ZZ | 93,4 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | HR | 29,1 |
| | IL | 75,8 |
| | MA | 79,7 |
| | TR | 82,5 |
| | UY | 54,6 |
| | ZZ | 64,3 |
| 0805 50 10 | TR | 61,0 |
| | ZA | 59,4 |
| | ZZ | 60,2 |
| 0806 10 10 | BR | 235,4 |
| | EC | 65,7 |
| | LB | 271,1 |
| | TR | 145,0 |
| | US | 266,1 |
| | ZA | 77,5 |
| | ZZ | 176,8 |
| 0808 10 80 | CA | 86,1 |
| | CL | 90,0 |
| | CN | 67,2 |
| | NZ | 182,1 |
| | US | 142,4 |
| | ZA | 142,9 |
| | ZZ | 118,5 |
| 0808 20 50 | CL | 73,3 |
| | CN | 46,3 |
| | TR | 133,1 |
| | ZA | 73,2 |
| | ZZ | 81,5 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi “ZZ” jirrappreżenta “oriġini oħra”.

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1163/2011**

**tal-14 ta' Novembru 2011**

**li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 971/2011 għas-sena tas-suq 2011/12**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 dwar regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mal-iskambji mal-pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza tiegħu,

Billi:

(1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta' ċerti ġuleppijiet għas-sena tas-suq 2011/12 ġew stabbiliti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 971/2011 ([3]). Dawn il-prezzijiet u dazji ġew emendati l-aħħar mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1137/2011 ([4]).

(2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha f'idejha llum twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skont ir-regoli ddettaljati pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 951/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 971/2011 għas-sena tas-suq 2011/12, huma b'dan immodifikati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-15 ta' Novembru 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Novembru 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.
([3]) ĠU L 254, 30.9.2011, p. 12.
([4]) ĠU L 292, 10.11.2011, p. 10.

*ANNESS*

**L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 95, applikabbli mill-15 ta' Novembru 2011**

*(EUR)*

| Kodiċi NM | Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat | Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat |
|---|---|---|
| 1701 11 10 (1) | 43,24 | 0,00 |
| 1701 11 90 (1) | 43,24 | 1,93 |
| 1701 12 10 (1) | 43,24 | 0,00 |
| 1701 12 90 (1) | 43,24 | 1,64 |
| 1701 91 00 (2) | 47,87 | 3,11 |
| 1701 99 10 (2) | 47,87 | 0,00 |
| 1701 99 90 (2) | 47,87 | 0,00 |
| 1702 90 95 (3) | 0,48 | 0,23 |

(1) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(2) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(3) Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrożju.

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2011/90/UE

### tal-14 ta' Novembru 2011

### li temenda Parti II tal-Anness I tad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jipprovdi assunzjonijiet addizzjonali għall-kalkolu tar-rata perċentwali annwali ta' imposta

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumaturi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE ([1]) (Direttiva tal-Kreditu tal-Konsumatur), u b'mod partikolari l-Artikolu 19(5) tagħha,

Billi:

(1) L-esperjenza miġbura mill-Istati Membri bl-implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/48/KE wriet li l-assunzjonijiet stipulati fil-Parti II tal-Anness I ta' dik id-Direttiva mhumiex biżżejjed għall-kalkolu b'mod uniformi tar-rata perċentwali annwali ta' imposta u barra dan mhumiex aktar adottati għas-sitwazzjoni kummerċjali fis-suq.

(2) Huwa neċessarju li jsiru żidiet ma' dawk l-assunzjonijiet billi jiġu pprovduti assunzjonijiet ġodda fuq il-livelli għall-kalkolu tar-rata perċentwali annwali ta' imposta għal krediti mingħajr tul ta' żmien fiss jew ripagabbli bis-sħiħ ripetutament. Huwa neċessarju wkoll li jiġu pprovduti livelli għall-għażla taż-żmien tal-bidu tal-ġbid ta' kreditu u l-ħlasijiet li jridu jsiru mill-konsumatur.

(3) Il-Parti II tal-Anness I mad-Direttiva 2008/48/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(4) Il-miżuri pprovduti f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 25(1) tad-Direttiva 2008/48/KE u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponewhom,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Il-Parti II tal-Anness I tad-Direttiva 2008/48/KE hija emendata kif stipulat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jaddottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar dan.

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2013.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Novembru 2011.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

---

([1]) ĠU L 133, 22.5.2008, p. 66.

*ANNESS*

Il-Parti II tal-Anness I tad-Direttiva 2008/48/KE hija mibdula b'dan li ġej:

"II. L-assunzjonijiet miżjuda għall-kalkolu tar-rata perċentwali annwali ta' imposta għandhom ikunu kif ġej:

(a) Jekk ftehim ta' kreditu jagħti lill-konsumatur libertà fil-ġbid ta' kreditu, l-ammont totali ta' kreditu għandu jitqies li jkun miġbud immedjatament u interament.

(b) Jekk ftehim ta' kreditu jagħti lill-konsumatur il-libertà ta' ġbid ta' kreditu b'mod ġenerali iżda jimponi, fost il-modi differenti ta' ġbid, limitu fir-rigward tal-ammont ta' kreditu u l-perjodu ta' żmien, l-ammont ta' kreditu għandu jitqies bħala li nġibed fl-aktar data bikrija prevista fil-ftehim u skont dawk il-limiti ta' ġbid.

(ċ) Jekk ftehim ta' kreditu jipprovdi modi differenti għall-ġbid ta' kreditu b'imposti jew rati tat-teħid ta' self differenti, l-ammont totali tal-kreditu għandu jitqies bħala li ġie miġbud fl-ogħla imposta u rata ta' teħid ta' self applikata għall-mekkaniżmu għall-ġbid ta' kreditu l-iktar komuni għal dan it-tip ta' ftehim ta' kreditu.

(d) Fil-każ ta' faċilità ta' overdraft, l-ammont totali ta' kreditu għandu jiġi meqjus li huwa miġbud kompletament u għat-tul ta' żmien kollu tal-ftehim ta' kreditu. Jekk id-duratura tal-faċilità ta' overdraft mhix magħrufa, ir-rata perċentwali annwali ta' imposta għandha tiġi kkalkolata fuq is-suppożizzjoni li t-tul ta' żmien tal-kreditu huwa tliet xhur.

(e) Fil-każ ta' ftehim ta' kreditu bla skadenza, ħlief faċilità ta' overdraft, għandu jiġi meqjus li:

(i) il-kreditu pprovdut għall-perjodu ta' sena li jibda mid-data tal-ġbid tal-bidu, u li l-ħlas finali magħmul mill-konsumatur iħassar il-bilanċ tal-kapital, l-imgħax u imposti oħrajn, jekk ikun hemm;

(ii) il-kapital huwa mħallas mill-ġdid mill-konsumatur fi ħlasijiet ndaqs kull xahar, li jibdew xahar wara d-data tal-ġbid tal-bidu. Madankollu, f'każi fejn il-kapital għandu biss jitħallas mill-ġdid bis-sħiħ, fi ħlas waħdieni, f'kull perjodu ta' ħlas, ġbid suċċessivi u ħlasijiet mill-ġdid tal-kapital kollu mill-konsumatur għandhom jitqiesu li jsiru fil-perjodu ta' sena. L-imgħax u imposti oħrajn għandhom jiġu applikati skont il-ġbid u l-ħlasijiet mill-ġdid tal-kapital u kif pprovdut fil-ftehim ta' kreditu.

Għall-għanijiet ta' dan il-punt, ftehim ta' kreditu bla skadenza huwa ftehim ta' kreditu mingħajr tul ta' żmien fiss u jinkludi krediti li għandhom jitħallsu mill-ġdid bis-sħiħ fil-perjodu jew wara l-perjodu, iżda la darba jitħallsu mill-ġdid, jsiru disponibbli mill-ġdid biex jinġibdu.

(f) Fil-każ ta' ftehimiet ta' kreditu, ħlief overdrafts u krediti bla skandenza kif imsemmi fl-assunzjonijiet stipulati fil-punti (d) u (e):

(i) jekk id-data jew l-ammont ta' ġbid mill-ġdid tal-kapital, li għandu jsir mill-konsumatur ma jistgħux jiġu aċċertati, għandu jitqies li l-ħlas mill-ġdid isir fl-iktar data qrib ipprovduta fil-ftehim ta' kreditu u huwa għall-inqas ammont li jipprovdi għalih il-ftehim ta' kreditu;

(ii) jekk id-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu mhix magħrufa, id-data tal-bidu tal-ġbid għandha tkun meqjusa bħala d-data li tirriżulta fl-inqas intervall bejn dik id-data u d-data tal-ewwel ħlas li għandu jsir mill-konsumatur.

(g) Fejn id-data u l-ammont ta' ħlas li għandu jsir mill-konsumatur ma jistgħux jiġu aċċertati abbażi tal-ftehim ta' kreditu jew l-assunzjonijiet stipulati fil-punti (d), (e) jew (f), għandu jitqies li l-ħlas isir skont id-dati u l-kundizzjonijiet meħtieġa mill-kreditur u, meta dawn ma jkunux magħrufa:

(i) imposti tal-interessi jitħallsu flimkien mal-ħlas mill-ġdid tal-kapital;

(ii) imposta bla interess espressa f'somma waħdanija titħallas fid-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu;

(iii) imposti bla interess espressi f'diversi ħlasijiet jitħallsu f'intervalli regolari, jibdew mad-data tal-ewwel ħlas mill-ġdid tal-kapital, u jekk l-ammont ta' ħlasijiet tali mhuwiex magħruf għandhom jitqiesu bħala ammonti ndaqs;

(iv) il-ħlas finali jħassar il-bilanċ tal-kapital, l-imgħax u imposti oħrajn, jekk ikun hemm.

(h) Jekk il-limitu massimu applikabbli għall-kreditu għadu ma ġiex miftiehem, dak il-limitu massimu jitqies li hu EUR 1 500.

(i) Jekk jiġu offruti rati tat-teħid ta' self u imposti differenti għal perjodu jew ammont limitat, ir-rata tat-teħid ta' self u l-imposti għandhom jitqiesu li huma l-ogħla rata għat-tul ta' żmien kollu tal-ftehim ta' kreditu.

(j) Għal ftehimiet ta' kreditu tal-konsumatur li għalihom hija miftehma rata tat-teħid ta' self fissa fir-rigward tal-perjodu inizjali, li fi tmiem tiegħu tiġi ddeterminata rata tat-teħid ta' self ġdida u sussegwentement perjodikament aġġustata skont indikatur miftiehem, il-kalkolu tar-rata perċentwali annwali tal-imposti għandha tkun ibbażata fuq is-suppożizzjoni li, fi tmiem il-perjodu ta' rata tat-teħid ta' self fissa, ir-rata tat-teħid tas-self tkun l-istess bħal meta sar il-kalkolu tar-rata perċentwali annwali, abbażi tal-valur tal-indikatur miftiehem f'dak iż-żmien."

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tat-12 ta’ Lulju 2011**

**indirizzata lill-Greċja bl-għan li ssaħħaħ u tapprofondixxi s-sorveljanza fiskali u li tavża lill-Greċja biex tieħu miżuri għat-tnaqqis tad-defiċit, liema miżuri huma meqjusa neċessarji sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni ta’ defiċit eċċessiv**

**(riformulazzjoni)**

(2011/734/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikoli 126(9) u 136 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/320/UE tal-10 ta’ Mejju 2010 indirizzata lill-Greċja bil-għan li ssaħħaħ u tapprofondixxi s-sorveljanza fiskali u li tavża lill-Greċja biex tieħu miżuri għat-tnaqqis tad-defiċit, liema miżuri huma meqjusa neċessarji sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni ta’ defiċit eċċessiv [1] ġiet emendata sostanzjalment bosta drabi [2]. Peress li għandhom isiru iktar emendi, din għandha tiġi riformulata fl-interessi taċ-ċarezza.

(2) L-Artikolu 136(1)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi l-possibiltà li jiġu adottati miżuri adattati b’mod speċifiku għall-Istati Membri li l-valuta tagħhom hija l-euro bil-għan li jsaħħu l-koordinazzjoni u s-sorveljanza tad-dixxiplina baġitarja.

(3) L-Artikolu 126 TFUE jistabilixxi li l-Istati Membri għandhom jevitaw defiċit eċċessiv tal-gvern u għal dan l-iskop jistipula l-proċedura dwar żbilanċ eċċessiv. Il-Patt ta’ Stabilità u Tkabbir, li fil-parti korrettiva tiegħu jimplimenta l-proċedura ta’ defiċit eċċessiv, jipprovdi l-qafas li jsostni l-politiki tal-gvern għal ritorn immedjat għal pożizzjonijiet baġitarji tajbin filwaqt li jqis il-qagħda ekonomika.

(4) Fis-27 ta’ April 2009, il-Kunsill iddeċieda, skont l-Artikolu 104(6) tat-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea (TKE), li fil-Greċja jeżisti defiċit eċċessiv u ħareġ rakkomandazzjonijiet biex jiġi kkoreġut dak id-defiċit sa mhux aktar tard mill-2010, skont l-Artikolu 104(7) (TKE) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta’ Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta’ defiċit eċċessiv [3]. Il-Kunsill stabilixxa wkoll l-iskadenza tas-27 ta’ Ottubru 2009 għall-Greċja sabiex tieħu azzjoni effettiva. Fit-30 ta’ Novembru 2009, il-Kunsill stabilixxa, skont l-Artikolu 126(8) TFUE, li l-Greċja ma kinetx ħadet azzjoni effettiva; b’konsegwenza ta’ dan, fis-16 ta’ Frar 2010, il-Kunsill, skont l-Artikolu 126(9) TFUE, avża lill-Greċja biex tieħu miżuri li jikkoreġu d-defiċit eċċessiv sa mhux aktar tard mill-2012 (minn hawn ’il quddiem imsejħa “id-Deċiżjoni tal-Kunsill taħt l-Artikolu 126(9)”). Il-Kunsill stabilixxa wkoll l-iskadenza tal-15 ta’ Mejju 2010 biex tittieħed azzjoni effettiva.

(5) Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, jekk tkun ittieħdet azzjoni effettiva skont l-Artikolu 126(9) TFUE u wara l-adozzjoni ta’ dak l-avviż ikun hemm avvenimenti ekonomiċi kuntrarji mhux mistennija li jkollhom konsegwenzi sfavorevoli kbar għall-finanzi tal-gvern, il-Kunsill jista’ jiddeċiedi, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, li jadotta avviż irrivedut skont l-Artikolu 126(9) TFUE.

(6) Skont it-tbassiriet tal-ħarifa 2009 tas-servizzi tal-Kummissjoni, li pprovdew il-bażi għall-avviż inizjali indirizzat lill-Greċja, il-PDG kien mistenni li jonqos b’0,25 % fl-2010, u li jirkupra sa mill-2011, meta l-ekonomija kienet imbassra li tikber b’0,7 %.Fl-2010 seħħet kontrazzjoni akbar fil-PDG reali, liema kontrazzjoni mistennija tippersisti fl-2011. Wara dan huwa mistenni li jkun hemm ritorn gradwali tat-tkabbir. Dan id-deterjorament konsiderevoli tax-xenarju ekonomiku jimplika deterjorament korrispondenti tal-prospettiva għall-finanzi pubbliċi f’politika li ma tinbidilx. Ma’ dan għandha tiżdied ir-reviżjoni ’l fuq tal-eżitu tad-defiċit tal-gvern għall-2009 (minn stima ta’ 12,7 % tal-PDG fil-ħin tad-Deċiżjoni tal-Kunsill taħt l-Artikolu 126(9) għal 13,6 % tal-PDG skont in-notifika fiskali ppreżentata mill-Greċja fl-1 ta’ April 2010) [4] u aktar tard mal-15,4 % tal-PDG wara t-tmiem tal-investigazzjonijiet li l-Eurostat wettaq mal-Awtoritajiet Griegi inkarigati mill-Istatistika [5]. Finalment, tħassib fis-swieq

[1] ĠU L 145, 11.6.2010, p. 6.
[2] Ara l-Anness I.
[3] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6.
[4] Eurostat news release 55/2010, it-22 ta’ April 2010.
[5] Eurostat news release 60/2011, is-26 ta’ April 2011.

għall-prospettiva tal-finanzi pubbliċi ġew riflessi f'żieda qawwija fil-primja tar-riskju fuq id-dejn tal-gvern, li tkompli żżid id-diffikultajiet fil-kontroll tal-pjan għad-deficit u d-dejn tal-gvern.

(7) Id-dejn gross tal-gvern sal-aħħar tal-2009 kien ta' 127,1 % tal-PDG. Dan huwa l-ogħla proporzjon ta' dejn fl-UE, u huwa konsiderevolment ogħla mill-valur ta' referenza ta' 60 % tal-PDG stabilit fit-Trattat. Il-kisba tal-pjan għat-tnaqqis fid-deficit li hu meqjus neċessarju u fattibbli fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, tkun timplika li ż-żieda fid-dejn titreġġa' lura mill-2013 'il quddiem. B'żieda mad-deficit tal-gvern li huwa persistentament għoli, ċerti operazzjonijiet finanzjarji żiedu aktar id-dejn. Dawn il-fatturi kkontribwew biex is-swieq inaqqsu l-fiduċja fl-abilità tal-Gvern Grieg biex ikompli jitratta d-dejn. Hemm bżonn urġenti li l-Greċja tieħu azzjoni deċisiva, fuq skala mingħajr preċedent, dwar id-deficit tagħha u dwar fatturi oħra li jikkontribwixxu għaż-żieda fid-dejn, sabiex iż-żieda fil-proporzjon tad-dejn mal-PDG titreġġa' lura u tkun tista' tirritorna għall-finanzjament tas-suq kemm jista' jkun malajr.

(8) Id-deterjorazzjoni tassew qalila tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Gvern Grieg wasslet lill-Istati Membri l-oħra taż-żona tal-euro biex jiddeċiedu li jipprovdu sostenn ta' stabilità lill-Greċja, bil-għan li jħarsu l-istabilità finanzjarja taż-żona tal-euro kollha, flimkien ma' għajnuna multilaterali pprovduta mill-Fond Monetarju Internazzjonali. L-appoġġ ipprovdut mill-Istati Membri taż-żona tal-euro sejjer jkun fil-forma ta' ġabra ta' self bilaterali, ikkoordinata mill-Kummissjoni. Dawk il-pajjiżi li se jagħtu s-self iddeċidew li l-appoġġ tagħhom għandu jkun dipendenti fuq ir-rispett tal-Greċja lejn din id-Deċiżjoni. B'mod partikolari, il-Greċja hija mistennija twettaq il-miżuri speċifikati f'din id-Deċiżjoni b'mod konformi mal-kalendarju hawnhekk stabilit.

(9) F'Ġunju 2011, ħareġ biċ-ċar li, meta jitqies l-iżvilupp baġitarju tal-2010 u l-eżekuzzjoni baġitarja sa Mejju, b'politiki mhux mibdula, il-mira tal-2011 għad-deficit mhux ser tintlaħaq b'ammont konsiderevoli li jippreġudika l-kredibilità kumplessiva tal-programm. Għalhekk, kien meħtieġ li jiġu aġġornati miżuri baġitarji speċifiċi biex jippermettu li l-Greċja żżomm mal-mira tad-deficit għall-2011 u jiġu rispettati l-limiti massimi tad-deficit għas-snin ta' wara stabiliti bid-Deċiżjoni 2010/320/UE. Dawn il-miżuri ġew diskussi fid-dettall mal-gvern Grieg u bil-qbil komuni tal-Kummissjoni Ewropea, tal-Bank Ċentrali Ewropew u tal-Fond Monetarju Internazzjonali.

(10) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq, jidher xieraq li tiġi emendata d-Deċiżjoni 2010/320/UE f'għadd ta' aspetti, filwaqt li tithalla kif inhi l-iskadenza għall-korrezzjoni tad-deficit eċċessiv.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-Greċja għandha ttemm is-sitwazzjoni tad-deficit eċċessiv li għandha bħalissa malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard mill-iskadenza tal-2014.

2. Il-pjan ta' aġġustament biex jikkoreġi d-deficit eċċessiv għandu jimmira għal deficit tal-ammistrazzjoni pubblika li ma jeċċedix EUR 18 508 miljun (8,0 % tal-PDG) fl-2010, EUR 17 065 miljun 7,6 % tal-PDG) fl-2011, EUR 14 916 miljun (6,5 % tal-PDG fl-2012, EUR 11 399 miljun (4,8 % tal-PDG) fl-2013 u EUR 6 385 miljun (2,6 % tal-PDG) fl-2014. Għal dan il-għan, matul il-perjodu 2009-2014, għandu jinkiseb titjib fil-bilanċ strutturali ta' minn tal-inqas 10 % tal-PDG.

3. Il-pjan ta' aġġustament imsemmi fil-paragrafu 2 jeħtieġ li l-bidla annwali fid-dejn gross ikkonsolidat tal-amministrazzoni pubblika ma teċċedix EUR 34 058 miljun fl-2010, EUR 17 365 miljun fl-2011, EUR 15 016 miljun fl-2012, EUR 11 599 miljun fl-2013, EUR 7 885 miljun fl-2014. Abbażi tal-previżjonijiet ta' Mejju 2011 dwar il-PDG, il-perkors korrispondenti għall-proporzjon ta' dejn mal-PDG ma għandux ikun iktar minn 143 % fl-2010, 154 % fl-2011, 158 % fl-2012, 159 % fl-2013 u 157 % fl-2014.

*Artikolu 2*

1. Il-Greċja għandha tadotta l-miżuri li ġejjin qabel l-aħħar ta' Ġunju 2010:

(a) liġi li tintroduċi skala ta' taxxa progressiva għas-sorsi kollha ta' introjtu u trattament unifikat b'mod orizzontali ta' introjtu ġġenerat minn xogħol u minn assi kapitali;

(b) liġi li tħassar l-eżenzjonijiet u d-dispożizzjonijiet ta' tassazzjoni awtonoma kollha fis-sistema tat-taxxa, inkluż l-introjtu minn benefiċċji speċjali mħallsa lill-ħaddiema taċ-ċivil;

(c) il-kanċellazzjoni tal-approprjazzjonijiet baġitarji fir-riżerva ta' kontinġenza, bil-għan li jiġu ffrankati EUR 700 miljun;

(d) l-abolizzjoni tal-biċċa l-kbira tal-approprjazzjoni baġitarja għall-benefiċċju ta' solidarjetà (ħlief parti għal benefiċċju li jingħata kontra l-faqar) bil-għan li jiġu ffrankati EUR 400 miljun;

(e) tnaqqis fl-ogħla pensjonijiet bil-għan li jiġu ffrankati EUR 500 miljun f'sena sħiħa (EUR 350 miljun għall-2010);

(f) It-tnaqqis tal-bonus tal-Għid, tas-sajf u tal-Milied u benefiċċji li jingħataw lill-ħaddiema taċ-ċivil bil-għan li jiġu ffrankati EUR 1 500 miljun f'sena sħiħa (EUR 1 100 miljun fl-2010);

(g) l-abolizzjoni tal-bonus tal-Għid, tas-sajf u tal-Milied li jingħataw lill-pensjonanti, għalkemm dawk li jirċievu pensjonijiet baxxi għandhom jiġu mħarsa, bil-għan li jiġu ffrankati EUR 1 900 miljun f'sena sħiħa (EUR 1 500 miljun fl-2010);

(h) żieda fir-rata tal-VAT, li twassal biex jinġabru minn tal-inqas EUR 1 800 miljun f'sena sħiħa (EUR 800 miljun fl-2010);

(i) żieda fid-dazji għall-fjuwil, it-tabakk u l-alkoħol, li twassal biex jinġabru minn tal-inqas EUR 1 050 miljun f'sena sħiħa (EUR 450 miljun fl-2010);

(j) leġiżlazzjoni li timplimenta d-Direttiva dwar is-Servizzi ([1]);

(k) liġi li tirriforma u tissimplifika l-amministrazzoni pubblika fil-livell lokali bil-għan li jitnaqqsu l-kostijiet operatorji;

(l) it-twaqqif ta' task force li jkollha l-għan li ttejjeb ir-rata tal-assorbiment tal-fondi strutturali u ta' koeżjoni;

(m) liġi biex tissimplifika l-fażi tal-bidu ta' negozji ġodda;

(n) tnaqqis fl-investiment pubbliku b'EUR 500 miljun meta mqabbel mal-pjanijiet;

(o) it-trasferiment tal-approprjazzjonijiet baġitarji għall-kofinanzjament ta' fondi strutturali u ta' koeżjoni f'kont ċentrali speċjali li ma jkun jista' jintuża għall-ebda skop ieħor;

(p) L-istabiliment ta' fond indipendenti għall-istabilità finanzjarja sabiex jittratta nuqqasijiet u jippreserva l-istabilità tas-settur finanzjarju, billi jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-banek meta dan ikunn meħtieġ;

(q) is-sorveljanza msaħħa tal-banek, b'żieda fir-riżorsi umani, rappuratar aktar frekwenti u testijiet tal-istress li jsiru darba kull tliet xhur.

2. Il-Greċja għandha tadotta l-miżuri li ġejjin sal-aħħar ta' Settembru 2010:

(a) miżuri ta' konsolidazzjoni fiskali li jammontaw mill-inqas għal 3,2 % tal-PDG (4,3 % tal-PDG jekk jittieħed kont tal-ammonti ttrasferiti mill-miżuri implimentati fl-2010) li għandhom jiġu inklużi fl-abbozz tal-baġit għall-2011: tnaqqis fil-konsum intermedju tal-amministrazzjoni pubblika mill-inqas ta' EUR 300 miljun meta mqabbel mal-livel tal-2010 (li jiżdied mal-iffrankar mir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u l-gvern lokali msemmi f'dan il-paragrafu); iffriżar fl-aġġustamenti tal-pensjonijiet (bil-għan li jiġu ffrankati EUR 100 miljun); imposta temporanja ta' kriżi fuq intrapriżi bi profittabilità għolja (li trendi mill-inqas EUR 600 miljun 'fi dħul addizzjonali kull sena fl-2011, l-2012 u l-2013); tassazzjoni preżuntiva tal-professjonisti (li trendi mill-inqas EUR 400 miljun fl-2011 u żżid ir-redditi mill-inqas b'EUR 100 miljun fis-sena fl-2012 u l-2013); twessigħ tal-bażi tal-VAT biex tinkludi ċerti servizzi li bħalissa huma eżenti u permezz tat-trasferiment ta' 30 % tal-oġġetti u s-servizzi mir-rata mnaqqsa għar-rata ewlenija (li trendi EUR 1 biljun); taxxa ambjentali gradwali fuq l-emissjonijiet tas-$CO_2$ (li trendi mill-inqas EUR 300 miljun fl-2011); l-implimentazzjoni mill-Gvern tal-leġiżlazzjoni li tirriforma l-amministrazzjoni pubblika u organizzazzjoni mill-ġdid tal-gvern lokali (bl-iskop li jitnaqqsu l-ispejjeż mill-inqas b'EUR 500 miljun fl-2011, u EUR 500 miljun addizzjonali kull sena fl-2012 u l-2013); tnaqqis f'investimenti ffinanzjati domestikament (mill-inqas b'EUR 500 miljun) billi tingħata prijorità lill-proġetti ta' investiment iffinanzjati mill-fondi strutturali tal-UE, inċentivi biex jiġi regolarizzat il-ksur tal-liġi fl-użu tal-art (li jrendu mill-inqas EUR 1 500 miljun mill-2011 sal-2013, li minnhom mill-inqas EUR 500 miljun fl-2011); ġabra ta' dħul mil-liċenzjar tal-logħob tal-ażżard (mill-inqas EUR 500 miljun f'bejgħ ta' liċenzji u EUR 200 miljun fi drittijiet annwali); twessigħ tal-bażi tat-taxxa fuq il-proprjetà billi jiġu aġġornati l-valuri tal-assi (biex irendi mill-inqas EUR 400 miljun dħul addizzjonali); tassazzjoni miżjuda tal-pagi in natura, inkluż billi jiġu ntaxxati l-pagamenti tal-kiri tal-karozzi (mill-inqas b'EUR 150 miljun); tassazzjoni miżjuda tal-oġġetti ta' lussu (mill-inqas b'EUR 100 miljun); taxxa speċjali fuq stabilimenti mhux awtorizzati (biex trendi mill-inqas EUR 800 miljun kull sena) u sostituzzjoni ta' 20 % biss tal-impjegati li jirtiraw fis-settur pubbliku (il-gvern ċentrali, il-gvernijiet lokali, il-fondi tas-sigurtà soċjali, il-kumpaniji pubbliċi, l-aġenziji statali u istituzzjonijiet pubbliċi oħra). Miżuri li jrendu ffrankar baġitarju kumparabbli jistgħu jiġu kkunsidrati wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni;

(b) rinfurzar tar-rwol u tar-riżorsi tal-uffiċċju ġenerali tal-kontabilità u t-twaqqif ta' salvagwardji kontra interferenzi politiċi possibbli fit-tbassir tad-dejta u l-kontabilità;

(c) abbozz ta' riforma tal-leġiżlazzjoni dwar is-salarji fis-settur pubbliku, inkluż b'mod partikolari t-twaqqif ta' Awtorità Unika ta' Pagament biex jitħallsu l-pagi, l-introduzzjoni ta' prinċipji unifikati u skeda biex tiġi stabilita xibka tal-pagi tas-settur pubbliku li tkun unifikata u aktar effiċjenti u tkun tista' tapplika għas-settur statali, l-awtoritajiet lokali u aġenziji oħra;

(d) leġiżlazzjoni sabiex tittejjeb l-effiċjenza tal-amministrazzjoni u l-kontrolli tat-taxxa;

(e) it-tnedija tal-eżami indipendenti tal-amministrazzjoni ċentrali u tal-programmi soċjali eżistenti;

(f) il-pubblikazzjoni ta' statistika mensili (abbażi tal-pagamenti) dwar id-dħul, in-nefqa, l-iffinanzjar u l-arrettrati tal-infiq għall-"amministrazzjoni pubblika disponibbli" u s-subentitajiet tagħha;

(g) pjan ta' azzjoni biex itejjeb il-ġbir u l-ipproċessar ta' dejta tal-amministrazzjoni pubblika, billi b'mod partikolari jittejbu l-mekkaniżmi ta' kontroll tal-awtoritajiet responsabbli mill-istatistika u l-uffiċċju ġenerali tal-kontabilità u tiġi żgurata r-responsabilità personali effettiva f'każijiet ta' rapportar ħażin, sabiex jiġi żgurat il-forniment immedjat ta' dejta tal-amministrazzjoni pubblika ta' kwalità għolja

([1]) Id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36).

mitluba skont ir-Regolamenti (KE) Nru 2223/96 ([1]), (KE) Nru 264/2000 ([2]), (KE) Nru 1221/2002 ([3]), (KE) Nru 501/2004 ([4]), (KE) Nru 1222/2004 ([5]), (KE) Nru 1161/2005 ([6]), (KE) Nru 223/2009 ([7]) u (KE) Nru 479/2009 ([8]);

(h) il-pubblikazzjoni regolari tal-informazzjoni dwar il-pożizzjoni finanzjarja f'ażjendi pubbliċi u entitajiet pubbliċi oħra li mhumiex klassifikati bħala parti mill-amministrazzjoni pubblika (inklużi rapporti tal-introjtu dettaljati, il-karti tal-bilanċ u dejta dwar l-impjiegi u n-nefqa tal-pagi);

(i) l-istabiliment ta' reġistru ċentrali komprensiv għall-intrapriżi pubbliċi;

(j) pjan ta' azzjoni bi skeda għal azzjonijiet konkreti li jwasslu għall-ħolqien ta' awtorità ċentrali tal-akkwist pubbliku;

(k) att li jistabilixxi limitu massimu ta' EUR 50 miljun għall-kontribuzzjoni tal-obbligu tas-servizz pubbliku mill-amministrazzjoni pubblika lill-operaturi tal-ferroviji għall-perjodu 2011-2013 u li jistabilixxi l-prinċipju li l-Istat ma jagħti l-ebda appoġġ addizzjonali espliċitu jew impliċitu lill-operaturi tal-ferroviji;

(l) pjan kummerċjali għall-ferroviji Griegi. Il-pjan ekonomiku jispeċifika l-mod kif l-attivitajiet operazzjonali se jsiru profittabbli, inkluża l-kopertura tal-kost tad-deprezzar, mill-2011 'il hemm, inkluż billi jingħalqu rotot li qed jagħmlu t-telf, billi jiżdiedu t-tariffi u jitnaqqsu l-pagi u l-ammont ta' impjegati; jipprovdi analiżi dettaljata tas-sensittività dwar l-implikazzjoni għall-kost tal-pagi ta' xenarji varji għar-riżultat tal-ftehim kollettiv u jipprovdi informazzjoni dwar alternattivi differenti fir-rigward tal-persunal; u jipprevedi r-ristrutturar tal-holding company, inkluż il-bejgħ tal-art jew ta' assi oħra;

(m) liġi biex tirriforma s-sistema ta' negozjar dwar il-pagi fis-settur privat, li għandha tipprovdi għal tnaqqis fir-rati ta' ħlas għas-sahra, flessibiltà aħjar fil-ġestjoni tal-ħin tax-xogħol u tippermetti li patti territorjali lokali jkunu jistgħu jistabilixxu żidiet fil-pagi li jkunu inqas mill-ftehimijiet settorali;

(n) riforma tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-impjiegi biex il-perjodu ta' żmien ta' prova għal xogħolijiet ġodda jiġi estiż għal sena, u biex jiġi ffaċilitat użu akbar ta' kuntratti temporanji u xogħol part-time;

(o) emenda tar-regolamentazzjoni tas-sistema ta' arbitraġġ sabiex kull parti tkun tista' tirrikorri għall-arbitraġġ jekk ma tkunx taqbel mal-proposta tal-medjatur;

(p) riforma tal-proċedura ta' arbitraġġ sabiex jiġi żgurat li hija topera skont kriterji trasparenti oġġettivi, b'kumitat indipendenti ta' arbitraturi, b'kapaċità ta' teħid ta' deċiżjonijiet, liberu minn indħil tal-gvern.

3. Il-Greċja għandha tadotta l-miżuri li ġejjin sal-aħħar ta' Diċembru 2010:

(a) l-adozzjoni finali tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 2(a);

(b) l-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni li ssaħħaħ il-qafas fiskali. Dan għandu jinkludi, b'mod partikolari, t-twaqqif ta' qafas fiskali fuq il-medda medja ta' żmien, il-ħolqien ta' riżerva ta' kontinġenza obbligatorja fil-baġit li tikkorrispondi għal 5 % tal-approprjazzjonijiet totali tad-dipartimenti tal-gvern, esklużi l-pagi, l-pensjonijiet u l-interessi, it-twaqqif ta' mekkaniżmi ta' monitoraġġ aktar b'saħħithom fuq in-nefqa u t-twaqqif ta' uffiċċju tal-baġit magħqud mal-Parlament;

(c) żieda sinifikanti fir-rata ta' assorbiment tal-fondi strutturali u ta' koeżjoni;

(d) leġiżlazzjoni li tissimplifika u taċċelera l-proċess tal-ħruġ tal-liċenzji għall-intrapriżi, l-attivitajiet industrijali u l-professjonijiet;

(e) modifika tal-qafas istituzzjonali tal-awtorità Ellenika dwar il-kompetizzjoni (HCC) bl-għan li tiżdied l-indipendenza tagħha, jiġu stabiliti skadenzi raġonevoli għall-investigazzjoni u l-ħruġ ta' deċiżjonijiet u tingħata l-poter li tirrifjuta l-ilmenti;

(f) miżuri li għandhom l-għan li jneħħu r-restrizzjonijiet eżistenti għal-libertà tal-proviżjoni tas-servizzi;

(g) digriet li jipprojbixxi lill-gvernijiet lokali milli jkollhom defiċits mill-inqas sal-2014; tnaqqis fit-trasferimenti lill-gvern lokali f'konformità mal-iffrankar ippjanat u t-trasferimenti ta' kompetenzi;

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità (ĠU L 310, 30.11.1996, p. 1).

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 264/2000 tat-3 ta' Frar 2000 dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 rigward statistiċi ta' finanzi pubbliċi fuq żmien qasir (ĠU L 29, 4.2.2000, p. 4).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 1221/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar kontijiet mhux finanzjarji ta' kull tliet xhur tal-amministrazzjoni pubblika (ĠU L 179, 9.7.2002, p. 1).

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 501/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar kontijiet finanzjarji ta' kull kwart tas-sena għal gvern ġenerali (ĠU L 81, 19.3.2004, p. 1).

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1222/2004 tat-28 ta' Ġunju 2004 dwar il-kompilazzjoni u t-trasmissjoni ta' data dwar id-dejn trimestrali tal-gvern (ĠU L 233, 2.7.2004, p. 1).

([6]) Ir-Regolament (KE) Nru 1161/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2005 dwar il-kumpilazzjoni ta' kontijiet trimestrali mhux finanzjarji skont is-settur istituzzjonali (ĠU L 191, 22.7.2005, p. 22).

([7]) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

([8]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1).

(h) pubblikazzjoni ta' projezzjonijiet interim fuq medda twila ta' żmien tan-nefqa fuq il-pensjonijiet sal-2060 kif stabilit fir-riforma leġiżlattiva ta' Lulju 2010 li tkopri l-iskemi ewlenin tal-pensjonijiet (IKA, inkluża l-iskema tal-pensjoni tal-ħaddiema taċ-ċivil, OGA u OAEE);

(i) implimentazzjoni ta' sistema uniformi ta' preskrizzjoni elettronika; pubblikazzjoni tal-lista tal-prezzijiet kompluta għall-mediċini fis-suq; applikazzjoni tal-lista ta' mediċini li mhumiex rimborżati u lista ta' mediċini li jistgħu jinbigħu mingħajr preskrizzjoni; pubblikazzjoni tal-lista l-ġdida ta' mediċini rimburżati bl-użu tas-sistema ġdida ta' prezz ta' referenza; l-użu tal-informazzjoni disponibbli permezz tal-preskrizzjoni elettronika u l-iskennjar għall-ġbir ta' roħs mill-kumpaniji farmaċewtiċi; introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' monitoraġġ li jippermetti li n-nefqa farmaċewtika tkun ivvalutata kull xahar; infurzar ta' kopagamenti ta' EUR 5 għal servizzi ambulatorji (outpatient) regolari u l-estensjoni ta' kopagamenti ta' konsulti mhux meħtieġa lid-dipartimenti tal-emerġenza; pubblikazzjoni ta' kontijiet awditjati għall-isptarijiet u ċ-ċentri tas-saħħa; u l-ħolqien ta' taskforce indipendenti ta' esperti tal-politika tas-saħħa li l-kompitu tagħhom huwa li sal-aħħar ta' Mejju 2011 jipproduċu rapport dettaljat għal riforma kumplessiva tas-sistema tas-saħħa bil-għan li ttejjeb l-effiċjenza u l-effikaċja tas-sistema tas-saħħa;

(j) tnaqqis ulterjuri fin-nefqa operazzjonali b'mill-inqas 5 % li jwassal għal iffrankar ta' mill-inqas EUR 100 miljun;

(k) tnaqqis ulterjuri fit-trasferimenti li jrendi ffrankar għall-gvern kollu ta' mill-inqas EUR 100 miljun. L-entitajiet pubbliċi benefiċjarji se jiżguraw tnaqqis assoċjat fin-nefqa sabiex ma jkunx hemm akkumulazzjoni ta' arrettrati;

(l) verifika tal-mezzi tal-familji minn Jannar 2011 'il quddiem li se jrendi iffrankar ta' mill-inqas EUR 150 miljun (nett mill-kostijiet amministrattivi rispettivi);

(m) tnaqqis mix-xiri ta' tagħmir militari (kunsinji) b'mill-inqas EUR 500 miljun meta mqabbel mal-livell reali tal-2010;

(n) tnaqqis fin-nefqa farmaċewtika mill-fondi tas-sigurtà soċjali b'EUR 900 miljun minħabba tnaqqis ulterjuri fil-prezzijiet tal-mediċini u minħabba proċeduri ġodda tal-akkwist pubbliku; u mill-isptarijiet (inkluża wkoll in-nefqa fuq it-tagħmir) b'mill-inqas EUR 350 miljun;

(o) tibdil fil-maniġment, l-ipprezzar u l-pagi tal-intrapriżi pubbliċi li se jrendi ffrankar ta' mill-inqas EUR 800 miljun;

(p) żieda fir-rati mnaqqsa tal-VAT minn 5,5 % għal 6,5 % u minn 11 % għal 13 %, li se trendi mill-inqas EUR 880 miljun u tnaqqis fir-rata tal-VAT applikabbli għall-mediċini u l-akkomodazzjoni fil-lukandi minn 11 % għal 6,5 % b'kost li ma jaqbizx EUR 250 miljun, nett mill-iffrankar għall-fondi tas-sigurtà soċjali u l-isptarijiet li jirriżulta mir-rata iktar baxxa tal-VAT fuq il-mediċini;

(q) intensifikazzjoni tal-ġlieda kontra l-kutrabandu tal-fjuwil (mill-inqas EUR 190 miljun);

(r) żieda fit-tariffi tal-qrati (mill-inqas EUR 100 miljun);

(s) implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni għall-ġbir tal-arretrati tat-taxxa (mill-inqas EUR 200 miljun);

(t) it-tħaffif tal-ġbir tal-penali tat-taxxa (mill-inqas EUR 400 miljun);

(u) il-ġbir tad-dħul li jirriżulta mill-qafas ġdid tat-tilwim u l-proċeduri legali tat-taxxa (mill-inqas EUR 300 miljun);

(v) dħul mit-tiġdid tal-liċenzji tat-telekomunikazzjonijiet li waslu biex jiskadu (mill-inqas EUR 350 miljun);

(w) dħul minn konċessjonijiet (mill-inqas EUR 250 miljun).

(x) pjan ta' ristrutturazzjoni għan-netwerk tat-trasportazzjoni ta' Ateni (OASA). L-għan tal-pjan għandu jkun li jitnaqqas it-telf operazzjonali tal-kumpanija u jagħmilha ekonomikament vijabbli. Il-pjan għandu jinkludi tnaqqis fin-nefqa operazzjonali tal-kumpanija u żidiet fit-tariffi. L-azzjonijiet meħtieġa għandhom jiġu implimentati mhux aktar tard minn Marzu 2011;

(y) att li jillimita r-reklutaġġ fl-amministrazzjoni pubblika kollha għal proporzjon ta' mhux iktar minn reklutaġġ wieħed għal kull ħames persuni li jirtiraw jew jitkeċċew mingħajr eċċezzjonijiet settorjali u inkluż persunal trasferit minn intrapriżi pubbliċi taħt ristrutturazzjoni għal entitajiet pubbliċi;

(z) atti li jsaħħu l-istituzzjoni tas-suq tax-xogħol u li jistabilixxu li: ftehimiet fil-livell tal-kumpanija jipprevalu fuq dawk taħt ftehimiet tas-settur jew okkupazzjonali mingħajr restizzjonijiet mhux xierqa; ftehimiet kollettivi fil-livell tal-kumpanija m'humiex restritti minn rekwiżiti rigward id-daqs minimu tal-kumpaniji; it-tneħħija tal-estensjoni ta' ftehimiet tas-settur u okkupazzjonali għal partijiet mhux rappreżentati fin-negozjati; il-perjodu ta' prova għal xogħlijiet ġodda huwa estiż; limiti temporanji fl-użu ta' aġenziji ta' xogħol temporanji huma eliminati; impedimenti għal użu akbar ta' kuntratti ta' żmien determinat huma mneħħija; id-dispożizzjoni li tistabilixxi remunerazzjoni ogħla fis-siegħa għal ħaddiema part-time tiġi eliminata u mmaniġjar aktar flessibbli tal-ħinijiet tax-xogħol inkluż ix-xogħol part-time bix-xift huwa permess.

4. Il-Greċja għandha tadotta l-miżuri li ġejjin sal-aħħar ta' Marzu 2011:

(a) pubblikazzjoni ta' projezzjonijiet komprensivi li jifirxu fuq medda twila ta' żmien tan-nefqa fuq il-pensjonijiet sal-2060 kif stabilit fir-riforma leġiżlattiva ta' Lulju 2010. Il-projezzjonijiet għandhom jinkludu l-iskemi (awżiljari) supplementarji, abbażi ta' sett komprensiv ta' dejta miġbura u elaborata mill-Awtorità Attwarjali Nazzjonali. Il-Kumitat tal-Politika Ekonomika għandu jagħmel analiżi inter pares u jivvalida l-projezzjonijiet;

(b) il-gvern iħallas kompletament l-arretrati akkumulati fl-2010 u jnaqqas dawk tas-snin preċedenti;

(c) pjan kontra l-evażjoni li jinkludi indikaturi kwantitattivi tal-prestazzjoni biex l-amministrazzjoni fiskali tinżamm responsabbli; leġiżlazzjoni li tissimplifika l-proċessi tat-tilwim amministrattiv fiskali u l-proċessi ta' appell ġudizzjarju u l-atti u l-proċeduri meħtieġa sabiex ikunu indirizzati aħjar il-kondotta ħażina, il-korruzzjoni u l-prestazzjoni ħażina tal-uffiċjali fiskali, inkluża l-prosekuzzjoni f'każijiet ta' ksur ta' dover; u l-pubblikazzjoni ta' rapporti ta' kull xahar tal-ħames taskforces kontra l-evażjoni, inkluż sett ta' indikaturi dwar il-progress;

(d) pjan ta' azzjoni dettaljat bi skeda li jlesti u jimplimenta s-sistema simplifikata ta' remunerazzjoni; preparazzjoni ta' pjan għar-riżorsi umani għaż-żmien medju għall-perjodu sal-2013 f'konformità mar-regola ta' reklutaġġ 1 għal kull 5 ħaddiema li jitilqu, li jispeċifika wkoll pjanijiet għall-allokazzjoni mill-ġdid ta' persunal kwalifikat għal f'oqsma prijoritarji; u l-pubblikazzjoni ta' dejta kull xahar dwar il-movimenti tal-persunal (ġodda, dawk li spiċċaw, trasferimenti fost l-entitajiet) fil-bosta dipartimenti tal-gvern;

(e) l-implimentazzjoni tar-riforma komprensiva tas-sistema tal-kura tas-saħħa bdiet fl-2010 bil-għan li n-nefqa pubblika fuq is-saħħa tinżamm għal 6 % tal-PDG jew anqas; miżuri li jrendu ffrankar fuq farmaċewtiċi ta' għall-inqas EUR 2 biljun meta mqabbel mal-livell għall-2010, li minnhom għall-inqas EUR 1 biljun huma tal-2011; titjib fis-sistemi ta' kontabilità u fatturazzjoni tal-isptarijiet permezz ta': finalizzazzjoni tal-introduzzjoni ta' sistemi ta' kontabilità abbażi tad-dovuti b'entrati doppji korrispondenti fl-isptarijiet kollha; l-użu ta' sistema ta' kodiċi uniformi u reġistru komuni għall-provvisti tal-mediċina; il-kalkolu ta' stokkijiet u flussi tal-provvisti tal-mediċina fl-isptarijiet kollha bl-użu ta' sistema ta' kodiċi uniformi għall-provvisti tal-mediċina; u l-fatturazzjoni fil-ħin tal-ispejjeż tat-trattament (mhux aktar tard minn xahrejn) lill-fondi tas-sigurtà soċjali tal-Greċja, lil Stat Membri oħra u lill-assiguraturi privati tas-saħħa; u l-iżgurar li għall-inqas 50 % mill-volum tal-mediċini użati mill-isptarijiet pubbliċi sa tmiem l-2011 ikun ikkostitwit minn ġeneriċi u mediċini mhux protetti bit-trejdmark (marka kummerċjali) billi issir ħaġa obbligatorja għall-isptarijiet pubbliċi kollha li jakkwistaw prodotti farmaċewtiċi skont is-sustanza attiva;

(f) bl-għan li jkunu miġġielda l-ħela u l-immaniġjar ħażin tal-kumpaniji li huma proprjetà tal-Istat u biex jiġu ffrankati mill-inqas EUR 800 miljun fiskalment, att li: jnaqqas ir-remunerazzjoni primarja fl-intrapriżi pubbliċi b'mill-inqas 10 % fil-livell tal-kumpaniji; jillimita r-remunerazzjoni sekondarja għal 10 % tar-remunerazzjoni primarja; jistabilixxi limitu massimu ta' EUR 4 000 fix-xahar qligħ gross (12-il pagament fis-sena); iżid it-tariffi tat-trasport urban b'mill-inqas 30 %; azzjonijiet li jnaqqsu n-nefqa operattiva fil-kumpaniji pubbliċi b'bejn 15 % u 25 %; u att għar-ristrutturazzjoni tal-OASA;

(g) qafas regolatorju ġdid li jiffaċilita l-konklużjoni tal-ftehimiet ta' konċessjoni għall-ajruporti reġjonali;

(h) l-istabiliment ta' taskforce indipendenti għall-politika tal-edukazzjoni li jkollha l-għan li żżid l-effiċjenza tas-sistema pubblika tal-edukazzjoni (edukazzjoni primarja, sekondarja u għolja) u li tagħmel użu iktar effiċjenti tar-riżorsi;

(i) l-adozzjoni ta' liġi għall-istabiliment ta' Awtorità Unika għall-Akkwist Pubbliku f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni; u l-iżvilupp ta' pjattaforma tat-teknoliġija tal-informazzjoni għall-akkwist elettroniku u l-istabiliment ta' stadji intermedji f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni, inkluż: l-ittestjar ta' verżjoni pilota, id-disponibilità tal-funzjonalitajiet kollha għall-kuntratti kollha u l-introduzzjoni f'fażijiet tal-użu mandatorju tas-sistema tal-akkwist elettroniku għall-kuntratti tal-provvisti, is-servizzi u x-xogħlijiet;

5. Il-Greċja għandha tadotta l-miżuri li ġejjin sal-aħħar ta' Lulju 2011:

(a) tintroduċi lill-Parlament xibka tal-paga tas-settur pubbliku li tkun unifikata u aktar effiċjenti li għandha tapplika għas-settur statali, l-awtoritajiet lokali u l-aġenziji l-oħra, imqassma fuq perjodu ta' tliet snin, b'remunerazzjonijiet li jirriflettu l-produttività u x-xogħlijiet;

(b) pjan ta' terminu medju għar-reklutaġġ għall-perjodu sal-2015 f'konformità mar-regola ta' reklutaġġ 1 għal kull 5 ħaddiema li jitilqu (1 għal kull 10 fl-2011). Il-pjan għandu jinkludi regoli aktar stretti għall-persunal temporanju, il-kanċellazzjoni ta' karigi vakanti u r-riallokazzjoni ta' persunal kwalifikat għal oqsma prijoritarji u jikkunsidra l-estensjoni tas-sigħat tax-xogħol għas-settur pubbliku;

(c) pjan ta' azzjoni dettaljat bi programmazzjoni għall-ikkompletar u l-implimentazzjoni ta' sistema simplifikata tar-remunerazzjoni, bi qbil mal-pagi fis-settur privat, li jwassal għal tnaqqis fin-nefqa totali fuq il-pagi. Dan il-pjan għandu jissejjes fuq ir-riżultati tar-rapport ippublikat mill-Ministeru tal-Finanzi u l-Awtorità Unika ta' Pagament. Il-leġiżlazzjoni għal sistema simplifikata ta' rimunerazzjoni għandha tiddaħħal fuq tliet (3) snin. Il-pagi tal-impjegati tal-intrapriżi statali għandhom ikunu bi qbil max-xibka ġdida tal-pagi għas-settur pubbliku.

(d) rinfurzar tal-ispettorat tax-xogħol, li għandu jkollu biżżejjed impjegati kwalifikati u jkollu miri kwantitattivi dwar in-numru ta' kontrolli li għandhom jitwettqu;

(e) att li jirrevedi l-parametri ewlenin tas-sistema tal-pensjonijiet sabiex tiġi limitata ż-żieda fl-infiq tas-settur pubbliku fuq il-pensjonijiet matul il-perijodu 2009-2060 għal inqas

minn 2,5 % tal-PDG, jekk il-previżjonijiet fit-tul juru li ż-żieda prevista fin-nefqa pubblika tal-pensjonijiet tkun ser taqbeż dan l-ammont. L-Awtorità Attwarjali Nazzjonali (AAN) għandha tkompli bis-sottomissjoni tal-previżjonijiet fit-tul tan-nefqa tal-pensjonijiet sal-2060 taħt ir-riforma adottata. Il-previżjonijiet għandhom jinkludu l-iskemi (awżiljari) supplementarji ewlenin (ETEAM, TEADY, MTPY), abbażi ta' dejta komprensiva miġbura u elaborata mill-AAN;

(f) reviżjoni tal-lista ta' professjonijiet intensivi u diffiċli biex titnaqqas il-kopertura għal mhux iktar minn 10 % tal-impjiegi; il-lista l-ġdida ta' impjiegi diffiċli u perikolużi għandha tapplika b'effett mill-1 ta' Awwissu 2011 għall-impjegati attwali u futuri kollha;

(g) leġiżlazzjoni li tistabilixxi Awtorità Unika għall-Akkwist Pubbliku (AUAP) bil-mandat, objettivi, kompetenzi, setgħat u skeda għad-dħul fis-seħħ, b'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni;

(h) miżuri addizzjonali għall-promozzjoni tal-użu ta' mediċini ġeneriċi permezz: ta' preskrizzjoni elettronika obbligatorja minn sustanza attiva u ta' ġeneriki orħos fejn disponibbli; bl-irbit ta' rata iżgħar ta' kondiviżjoni tal-kost mal-mediċini ġeneriċi li jkollhom prezz konsiderevolment orħos mill-prezz referenzjarju (anqas minn 60 % tal-prezz referenzjarju) abbażi tal-esperjenza ta' Stati Membri oħra tal-UE; bl-iffissar tal-prezz massimu tal-ġeneriki għal 60 % tal-mediċina tad-ditta b'sustanza attiva simili;

(i) il-pubblikazzjoni ta' inventarju tal-assi li huma proprjetà tal-istat, inklużi ishma f'intrapriżi kwotati u f'dawk li mhumiex u proprjetà immobbli u art kummerċjalment vijabbli.' għandu jiġi stabilit Segretarjat Ġenerali għall-Iżvilupp ta' Proprjetà Immobbli bl-għanijiet li jittejjeb l-immaniġġjar tal-assi immobiljari, jiġu kklerjati mill-okkupanti u jitħejjew għall-privatizzazzjoni;

(j) l-istrateġija fiskali ta' terminu medju (minn hawn 'il quddiem imsejħa SFTM) sal-2015 kif deskritt fl-Anness I ta' din id-deċiżjoni u abbozzi ta' implimentazzjoni rispettivi. L-SFTM għandha telabora dwar miżuri permanenti ta' konsolidazzjoni fiskali li jiżguraw li l-limitu massimu tad-deficit għall-2011-15 kif stabilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill ma jinqabiżx u li l-proporzjon tad-dejn-PDG jitpoġġa f'perkors sostenibbli ta' tnaqqis;

(k) privatizzazzjoni tal-assi b'valur mill-inqas EUR 390 miljun; adozzjoni ta' programm ta' privatizzazzjoni bl-għan li jinġabru tal-anqas EUR 15-il biljun sa tmiem l-2012 EUR 22 biljun sa tmiem l-2013, EUR 35 biljun sa tmiem l-2014 u tal-anqas EUR 50 biljun sa tmiem l-2015; ir-rikavati mill-privatizzazzjoni tal-assi (assi immobiljari, konċessjonijiet u assi finanzjarji) għandhom jintużaw biex jinfeda d-dejn u mhux se jnaqqas l-isforzi tal-konsolidazzjoni fiskali għall-konformità tal-limiti massimi tad-deficit fl-Artikolu 1(2);

(l) l-istabiliment ta' fond ta' privatizzazzjoni b'governanza tajba biex jiġi aċċellerat il-proċess ta' privatizzazzjoni u tkun iggarantita l-irriversibilità tiegħu u maniġment professjonali; Il-Fond jikseb il-pussess legali tal-assi li jridu jiġu provatizzati. Il-Fond ma jistax jorbot l-assi tiegħu b'mod li jtellef l-iskop tiegħu, i.e. il-privatizzazzjoni tal-assi;

(m) iressaq leġiżlazzjoni biex tagħlaq, tagħmel fużjoni jew iċċekken entitajiet mhux vijabbli;

(n) miżuri biex isaħħu l-kontroll tan-nefqa: deċiżjoni li tispeċifika l-kwalifika u r-responsabilitajiet tal-uffiċjali tal-kontabilità li għandhom jinħatru fil-ministeri rilevanti kollha bir-responsabilità li jiżguraw kontrolli finanzjarji affidabbli;

(o) kriterji u termini ġodda għall-konklużjoni ta' kuntratti mill-fondi tas-sigurtà soċjali mal-forrnituri tal-kura tas-saħħa kollha, bl-għan li tintlaħaq il-mira ta' tnaqqis fl-infiq; jingħata bidu għax-xiri konġunt tas-servizzi u oġġetti mediċi biex jintlaħaq tnaqqis sostanzjali fin-nefqa ta' mill-anqas 25 % meta mqabbel mal-2010 permezz ta' ftehimiet ta' prezz marbut mal-volum;

(p) il-pubblikazzjoni ta' linji gwida vinkolanti tal-preskrizzjonijiet għat-tobba abbażi ta' linji gwida internazzjonali tal-preskrizzjonijiet biex jiġi żgurat użu kosteffikaċi tal-mediċini; pubblikazzjoni u aġġornament kontinwu tal-lista pożittiva tal-mediċini rimburżati;

(q) preparazzjoni ta' pjan għar-riorganizzazzjoni u r-ristrutturar tal-isptarijiet għat-terminu medju u immedjat bl-għan li jitnaqqsu l-ineffiċjenzi, jiġu sfruttati l-ekonomiji ta' skala u ta' firxa, u tittejjeb il-kwalità tal-kura għall-pazjenti. L-għan li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-isptarijiet b'tal-anqas 10 % fl-2011 u b'5 % fl-2012 addizzjonali fuq is-sena ta' qabel.

6. Il-Greċja għandha tadotta l-miżuri li ġejjin sal-aħħar ta' Settembru 2011:

(a) baġit għall-2012 b'konformità mal-SFTM u l-objettiv tal-osservanza tal-limitu massimu tad-deficit stabilit fl-Artikolu 1(2);

(b) mitigazzjoni tal-ostakoli tat-taxxa għal fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet;

(c) simplifikazzjoni tal-proċess tal-ikklerjar doganali għall-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet;

(d) żieda sinifikanti fir-rati ta' assorbiment tal-fondi strutturali u dak ta' koeżjoni;

(e) l-implimentazzoni sħiħa tal-aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar bil-għan li jitnaqqsu il-piżijiet amministrattivi b'20 % (meta mqabbel mal-2008);

(f) leġiżlazzjoni biex tagħlaq, tagħmel fużjoni jew iċċekken entitajiet mhux vijabbli;

(g) miżuri li jagħmlu possibbli tnaqqis fl-akkwist u fl-ispejjeż fuq partijiet terzi f'intrapriżi statali, taġġorna t-tariffi, u toħloq linji ġodda tan-negozju, u tnaqqas il-kost tal-persunal billi tlesti u timplimenta pjan ta' tiċkin fil-persunal. Persunal żejjed li ma jistax jitneħħa permezz tar-regola li jiġi rreklutat 1 għal kull 5 li jitilqu (1 għal kull 10 fl-2011) għandu jiġi indirizzat permezz ta' sensji u assenza fit-tul mhux volontarji (riżerva ta' ħaddiema). Din ir-regola hija mingħajr eċċezzjonijiet settorjali; għandha tapplika wkoll għall-persunal trasferit minn intrapriżi pubbliċi għal entitajiet pubbliċi oħra wara l-eżami tal-kwalifiki professjonali mill-ASEP skont il-kriterji ta' evalwazzjoni regolati tagħha. Persunal fir-riżerva ta' ħaddiema għandu jitħallas 60 % tal-paga bażika tiegħu għal mhux aktar minn 12-il xahar, u wara dan għandhom jingħataw is-sensja.

(h) qafas legali li jippermetti l-assenjar veloċi tal-użu tal-art u jaċċellera r-registrazzjoni tas-sjieda tal-art tal-istat.

(i) att li jippermetti l-promozzjoni tal-investiment fis-settur tat-turiżmu (kumplessi turistiċi u residenzi sekondarji għat-turisti), bil-ħsieb li, flimkien mal-abbozz dwar l-użu tal-art, jippermetti għall-aċċellerazzjoni tal-proċess ta' privatizzazzjoni tal-plottijiet tal-art ġestiti mill-Aġenzija Griega tal-Immobiljari Turistiċi (ETA).

(j) l-iffinalizzar tal-eżami funzjonali tal-programmi soċjali eżistenti; valutazzjoni mill-gvern tar-riżultati tat-tieni u l-aħħar fażi tal-eżami funzjonali indipendenti tal-amministrazzjoni ċentrali; leġiżlazzjoni u miżuri għall-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet operazzjonali tal-ewwel fażi tal-eżami funzjonali tal-amministrazzjoni pubblika fuq livell ċentrali u tal-eżami sħiħ tal-programmi soċjali eżistenti;

(k) reviżjoni qawwija tal-funzjonament tal-fondi tal-pensjoni pubblika sekondarja/supplimentari, inkluż fondi tal-protezzjoni soċjali u skemi tal-għoti ta' somma. L-għan tar-reviżjoni huwa li tiġi stabilizzata n-nefqa tal-pensjonijiet, tiġi ggarantita n-newtralità baġitarja ta' dawn l-iskemi u tiġi żgurata s-sostenibilità tas-sistema fit-terminu medju u twil. Ir-reviżjoni għandha twassal għal: tnaqqis akbar fl-għadd ta' fondi eżistenti; l-eliminazzjoni tal-iżbilanċi f'dawk il-fondi b'defiċits; l-istabilizzazzjoni tal-infiq kurrenti f'livell sostenibbli, permezz ta' aġġustamenti xierqa li għandhom isiru mill-1 ta' Jannar 2012; is-sostenibilità fit-tul ta' skemi sekondarji permezz ta' rabta stretta bejn il-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji.

(l) identifikazzjoni tal-iskemi li għalihom l-għoti ta' somma mħallas fl-irtirar mix-xogħol ma jirriflettix il-kontribuzzjonijiet imħallsa bl-għan li l-ħlas jiġi aġġustat sa tmiem Diċembru 2011.

(m) aktar miżuri biex jiġu estiżi b'mod kosteffikaċi l-preskrizzjonijiet tal-mediċini, id-dijanjożi u r-referti mit-tobba b'mod elettroniku għall-fondi kollha tas-sigurtà soċjali, iċ-ċentri tas-saħħa u l-isptarijiet. B'konformità mar-regoli tal-akkwist tal-UE, il-Gvern għandu jwettaq il-proċeduri neċessarji tal-offerti biex jimplimenta sistema informatika komprensiva u uniformi tal-kura tas-saħħa (sistema tas-saħħa-e).

(n) aktar miżuri biex jiġi żgurat li tal-inqas 30 % tal-volum tal-mediċini użati mill-isptarijiet pubbliċi jkun ikkostitwit minn ġeneriki bi prezz orħos minn dak ta' prodotti simili tad-ditta u mediċini mhux koperti bi privattiva, partikolarment billi jagħmlu obbligatorju li l-isptarijiet pubbliċi kollha jakkwistaw prodotti farmaċewtiċi skont is-sustanza attiva.

(o) deċiżjonijiet sabiex ikunu disposti l-istituzzjoni u stabiliment ta' karigi għall-persunal tal-AUAP (Awtorità Unika għall-Akkwist Pubbliku), kif ukoll għar-riorganizzazzjoni tar-riżorsi umani u s-servizzi tal-Awtorità skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar l-AUAP; jinħatru l-membri tal-AUAP.

(p) Il-pubblikazzjoni ta' dejta mensili dwar il-movimenti tal-persunal (ġodda, dawk li spiċċaw, trasferimenti fost l-entitajiet) fil-bosta dipartimenti tal-gvern;

7. Il-Greċja għandha tadotta l-miżuri li ġejjin sal-aħħar ta' Diċembru 2011:

(a) l-adozzjoni finali tal-baġit għall-2012;

(b) rinfurzar tal-kapaċità ta' ġestjoni tal-awtoritajiet kollha li jiġġestixxu u entitajiet intermedji ta' programmi operattivi skont il-qafas tal-qafas ta' referenza tal-istrateġija nazzjonali 2007-2013 u ċ-ċertifikazzjoni tagħhom ISO 9001:2008 (immaniġġjar tal-kwalità);

(c) sistema ta' pprezzar ibbażata fuq il-każijiet fl-isptar għandha tintuża għall-finijiet baġitarji mill-2013 'il quddiem;

(d) atti għall-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet operazzjonali tal-ewwel fażi tar-reviżjoni funzjonali tal-amministrazzjoni pubblika fuq livell ċentrali u tar-reviżjoni sħiħa tal-programmi soċjali eżistenti; valutazzjoni tar-riżultati tat-tieni u l-aħħar fażi tal-eżami funzjonali indipendenti tal-amministrazzjoni ċentrali;

(e) il-bidu tal-operazzjonijiet tal-Awtorità Unika għall-Akkwist Pubbliku bir-riżorsi neċessarji sabiex taqdi l-mandat, l-għanijiet, il-kompetenzi u s-setgħat tagħha fil-Pjan ta' Azzjoni;

(f) reviżjoni tat-tariffi għas-servizzi mediċi esternalizzati lill-fornituri privati bl-għan li jitnaqqsu l-kostijiet relatati b'tal-anqas 15 % sal-2011, u bi 15 % addizzjonali fl-2012.

(g) miżuri biex jissimplifikaw is-sistema tat-taxxa, jitwessgħu l-bażijiet u jitnaqqsu r-rati tat-taxxa b'mod fiskalment newtrali, b'rabta mat-taxxa fuq l-introjtu personali, it-taxxa fuq l-introjtu korporattiv u l-VAT.

(h) aktar miżuri biex jiġi żgurat li tal-inqas 50 % tal-volum tal-mediċini użati mill-isptarijiet pubbliċi jkun ikkostitwit minn ġeneriki bi prezz orħos minn dak ta' prodotti simili tad-ditta u mediċini mhux koperti bi privattiva, partikolarment billi jagħmlu obbligatorju li l-isptarijiet pubbliċi kollha jakkwistaw prodotti farmaċewtiċi skont is-sustanza attiva.

8. Il-Greċja għandha tadotta l-miżuri li ġejjin sal-aħħar ta' Marzu 2012:

(a) riforma fl-iskemi tal-pensjonijiet sekondarji/supplementari, bil-fużjoni tal-fondi u billi jibda jsir kalkolu tal-benefiċċji abbażi tas-sistema ta' 'kontribuzzjoni nozzjonali definita l-ġdida; l-iffriżar tal-pensjonijiet supplementari nominali u t-tnaqqis tar-rati ta' sostituzzjoni għal drittijiet dovuti fi fondi b'defiċits, abbażi ta' studju attwarju mħejji mill-Awtorità Attwarjali Nazzjonali. Fil-każ li l-istudju attwarju ma jkunx lest, ir-rati ta' sostituzzjoni għandhom jonqsu, b'effett mill-1 ta' Jannar 2012 biex jiġu evitati d-defiċits;

(b) il-kalkolu tal-marġini tal-profitti tal-ispiżeriji bħala ammont fiss jew tariffa fissa kkombinata ma' marġini ta' profitt baxxa bl-għan li jitnaqqas il-marġini ta' profitt kumplessiv għal mhux aktar minn 15 %, inkluż fuq l-ogħla mediċini.

*Artikolu 3*

Il-Greċja għandha tikkoopera b'mod sħiħ mal-Kummissjoni u tipprovdi mingħajr dewmien, kull meta tkun mitluba biex tagħmel hekk, kwalunkwe dejta jew dokument meħtieġ biex tiġi mmonitorjata l-konformità ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 4*

1. Il-Greċja għandha tipprovdi lill-Kunsill u lill-Kummissoni rapport li juri l-miżuri tal-politika meħuda biex tkun konformi ma' din id-Deċiżjoni kull tliet xhur.

2. Ir-rapporti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu informazzoni dettaljata dwar:

(a) miżuri konkreti implimentati sad-data tar-rapport sabiex ikunu konformi ma' din id-Deċiżjoni, inkluż l-impatt baġitarju kwantifikat tagħhom;

(b) miżuri konkreti ppjanati li jiġu implimentati wara d-data tar-rapport sabiex ikunu konformi ma' din id-Deċiżjoni, il-kalendarju tal-implimentazzjoni tagħhom u stima tal-impatt baġitarju tagħhom;

(c) l-eżekuzzjoni tal-baġit mensili tal-Istat;

(d) l-implimentazzjoni baġitarja infraannwali mis-sigurtà soċjali, il-gvern lokali u l-fondi baġitari żejda;

(e) ħruġ u rimborsar tad-dejn tal-gvern;

(f) żviluppi permanenti u temporanji fl-impjiegi tas-settur pubbliku;

(g) nefqa tal-gvern fl-istennija tal-ħlas, bl-ispeċifikazzjoni ta' dawk li skaditilhom id-data meta kienu dovuti;

(h) il-pożizzjoni finanzjarja f'ażjendi pubbliċi u entitajiet pubbliċi oħra.

3. Il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom janalizzaw ir-rapporti bil-għan li jevalwaw il-konformità tal-Greċja ma' din id-Deċiżjoni. Fil-kuntest ta' dawn il-valutazzonijiet, il-Kummissjoni tista' tindika l-miżuri meħtieġa biex jiġi rrispettat il-pjan ta' aġġustament stipulat b'din id-Deċiżjoni għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv.

*Artikolu 5*

Id-Deċiżjoni 2010/320/KE għandha tiġi revokata.

Referenzi għad-Deċiżjoni mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha.

*Artikolu 7*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ellenika.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2011.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
M. SAWICKI

*ANNESS I*

**Miżuri ta' strateġija fiskali ta' terminu medju**

(kif imsemmi fl-Artikolu 2(5) ta' din id-Deċiżjoni)

L-istrateġija fiskali ta' terminu medju (SFTM) matul l-2015 ser tinkludi li ġej:

*Tnaqqisiet fil-kont tas-salarji b'mill-inqas EUR 770 miljun sal-2011, u addizzjonalment EUR 600 miljun fl-2012, EUR 448 miljun fl-2013, EUR 306 miljun fl-2014 u EUR 71 miljun fl-2015*, billi ma jiġux impjegati ħaddiema ġodda minflok dawk li jispiċċaw lil hinn mir-regola ta' reklutaġġ wieħed (1) għal kull ħamsa (5) li joħorġu (1 għal kull 10 fl-2011); żieda fis-siegħat tax-xogħol fil-ġimgħa għall-impjegati fis-settur pubbliku minn 37,5 għal 40 siegħa u tnaqqis fil-pagamenti tas-sahra; tnaqqis fl-għadd ta' kumitati u kunsilli remunerati; tnaqqis fil-kumpensi addizjonali, benefiċċji u skemi tal-bonus oħra; tnaqqis fil-kuntratturi (50 % fl-2011 u 10 % oħra fl-2012 u 'l quddiem); friżar temporanju fl-avvanz awtomatiku; l-implimentazzjoni ta' xibka ġdida tar-remunerazzjoni; l-introduzzjoni ta' impjiegi part-time u liv bla ħlas fis-settur pubbliku; tnaqqis fl-għadd ta' ammissjonijiet fl-akkademji militari u tal-pulizija, it-trasferiment tal-persunal żejjed f'riżerva ta' ħaddiema mħallsa 60 % tal-paga bażika sa 12-il xahar, u tnaqqis fil-benefiċċju tal-prodottività b'50 %.

*Tnaqqisiet fl-infiq operazzjonali tal-istat b'mill-inqas EUR 190 miljun sal-2011, u addizzjonalment EUR 92 miljun fl-2012, EUR 161 miljun fl-2013, EUR 323 miljun fl-2014 u EUR 370 miljun fl-2015*, permezz tal-implementazzjoni tal-akkwist-e għax-xiri pubbliku kollu; razzjonalizzazzjoni tal-ispejjeż fl-enerġija mis-servizzi pubbliċi; tnaqqis fl-ispejjeż għall-kiri b'konsegwenza ta' użu aktar effiċjenti tal-proprjetà pubblika; tnaqqis tal-ispejjeż kollha fit-telekomunikazzjoni, abolizzjoni tad-distribuzzjoni bla ħlas tal-gazzetti; tnaqqisiet trażversali fin-nefqa operazzjonali fil-baġit ordinarju; implimentazzjoni ta' parametri referenzjarji fl-infiq pubbliku wara sena ta' tħaddim sħiħ tal-MIS għan-nefqa tal-amministrazzjoni pubblika.

*Tnaqqisiet fl-ispejjeż tal-fondi estrabaġitarji u trasferiment lejn entitajiet oħra b'mill-anqas EUR 540 miljun fl-2011 u addizzjonalment EUR 150 miljun fl-2012, EUR 200 miljun fl-2013, EUR 200 miljun fl-2014 u EUR 150 miljun fl-2015*, permezz tal-valutazzjoni tal-mandat, il-fattibilità u l-ispejjeż tal-entitajiet kollha ssussidjati mis-settur pubbliku, u l-fużjonijiet u l-għeluq tagħhom; fużjoni/l-għeluq u tnaqqis fis-sussidji lill-istituzzjonijiet edukattivi (skejjel, istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja); tnaqqis fis-sovvenzjonijiet mill-Istat lill-entitajiet barra l-amministrazzjoni pubblika u pjan ta' azzjoni għall-għeluq, il-fużjoni u t-tiċkin tal-entitajiet.

*Iffrankar fl-intrapriżi tal-istat b'mill-anqas EUR 414 miljun fl-2012, u addizzjonalment EUR 329 miljun fl-2013, EUR 297 miljun fl-2014 u EUR 274 miljun fl-2015*, permezz ta' żieda fid-dħul tal-OSE, l-OASA u intrapriżi oħra, l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' ristrutturazzjoni u l-privatizzazzjoni fil-Hellenic Defence Systems, il-Hellenic Aeronautical Industry, il-Hellenic Horse Racing Corporation; il-bejgħ ta' assi, tal-intrapriżi, li ma jkunux assoċjati mal-attivitajiet ewlenin; tnaqqis fl-ispejjeż tal-persunal; tnaqqis fl-ispejjeż operazzjonali u fużjonijiet u għeluq ta' intrapriżi.

*Tnaqqisiet fin-nefqa operazzjonali relatata mad-difiża b'mill-inqas EUR 133 miljun fl-2013 u addizzjonalment EUR 133 miljun fl-2014, u EUR 134 miljun fl-2015*, minn barra t-tnaqqis fl-akkwist ta' apparat militari (konsenji) ta' EUR 830 miljun mill-2010 sal-2015.

*Tnaqqisiet fin-nefqa fuq il-kura tas-saħħa u l-mediċini b'mill-inqas EUR 310 miljun sal-2011, u addizzjonalment EUR 697 miljun fl-2012, EUR 349 miljun fl-2013, EUR 303 miljun fl-2014 u EUR 463 miljun fl-2015*, permezz tal-implementazzjoni tal-"pjan direzzjonali għas-saħħa" ġdid u t-tnaqqis assoċjat fl-ispejjeż tal-isptarijiet; rievalwazzjoni tal-mandat u l-ispejjeż tal-entitajiet kollha taħt superviżjoni apparti l-isptarijiet l-implimentazzjoni ta' sistema ċentrali tal-akkwisti; tnaqqis tal-kost medju ta' kull każ permezz ta' maniġġ effiċjenti tal-każijiet (case mixing); tnaqqis fis-servizzi pprovduti lil dawk bla assigurazzjoni (funzjoni ta' kontroll tal-aċċess); introduzzjoni ta' imposti għal servizzi fornuti lil ċittadini barranin; l-operat tal-Organizzazzjoni Nazzjonali għall-Kura tas-Saħħa Primarja (EOPI); l-iskenjar mill-IKA tal-preskrizzjonijiet mediċi miktubin bl-idejn; l-estensjoni tal-lista ta' mediċini li ma għandhomx bżonn ta' preskrizzjoni; prezzijiet ġodda għall-mediċini; l-istabiliment ta' prezz tal-assigurazzjoni mis-settur tas-sigurtà soċjali u l-implimentazzjoni sħiħa tal-preskrizzjonijiet-e.

*Tnaqqisiet fil-benefiċċji soċjali b'mill-inqas EUR 1 188 miljun fl-2011, u addizzjonalment EUR 1 230 miljun fl-2012, EUR 1 025 miljun fl-2013, EUR 1 010 miljun fl-2014 u EUR 700 miljun fl-2015*, permezz ta' aġġustament fl-iskemi tal-pensjonijiet supplimentari u l-iffriżar sussegwenti sal-2015; iffriżar tal-pensjonijiet bażiċi; ir-riforma fis-sistema tal-pensjonijiet tad-diżabilità; ċensiment tal-pensjonanti u kontraverifika tad-dejta personali bl-implimentazzjoni sħiħa tan-numru tas-sigurtà soċjali u l-ogħla limitu fuq il-pensjonijiet; razzjonalizzazzjoni tal-kriterji għall-pensjonanti (EKAS); razzjonalizzazzjoni tal-benefiċċji u l-benefiċjarji tal-OEE-OEK u OAED; tnaqqis fis-somom li jitħallsu mal-irtirar; kontroverifika tad-dejta personali mill-introduzzjoni tal-limiti għall-impjegati li jistgħu jidħlu fl-iskemi tal-OAED; tnaqqis fil-pensjoni prinċipali tal-OGA u fil-limiti l-baxxi tal-pensjoni minn fondi oħra tas-sigurtà soċjali u l-issikkar tal-kriterji bbażati fuq ir-reżidenza permanenti; tnaqqis fl-ispejjeż fuq il-benefiċċji soċjali permezz tal-kontroverifika tad-dejta; regolamentazzjoni uniformi tal-benefiċċji tas-saħħa għall-fondi kollha tas-sigurtà soċjali; kuntratti uniformi mal-isptarijiet privati u ċ-ċentri

mediċi; analiżi tal-benefiċċji soċjali fi flus u in natura li twassal biex jitneħħew dawk l-inqas effettivi; żieda fil-kontribuzzjoni speċjali tal-pensjonanti (il-Liġi 3863/2010) għall-pensjonanti li l-pensjoni ta' kull xahar tagħhom taqbeż EUR 1 700; żieda fil-kontribuzzjoni soċjali speċjali mħallsa mill-pensjonanti taħt is-60 sena b'pensjoni ta' kull xahar ogħla minn EUR 1 700; introduzzjoni ta' kontribuzzjoni speċjali ggradata għall-pensjonijiet supplimentari ogħla minn EUR 300 fix-xahar u tnaqqis fit-trasferimenti NAT (skema tal-pensjonijiet tal-baħħara) u l-iskema tal-pensjonijiet OTE u tnaqqis assoċjat fin-nefqa tal-pensjonijiet jew żieda fil-kontribuzzjonijiet mill-benefiċjarji.

*Tnaqqisiet fit-trasferimenti statali lill-gvernijiet lokali b'mill-anqas EUR 150 miljun fl-2011, u addizzjonalment EUR 355 miljun fl-2012, EUR 345 miljun fl-2013, EUR 350 miljun fl-2014 u EUR 305 miljun fl-2015.* Dawn it-tnaqqisiet jinkisbu primarjament permezz ta' tnaqqisiet fl-ispejjeż tal-gvern lokali daqs tal-anqas EUR 150 miljun fl-2011, u EUR 250 miljun fl-2012, EUR 175 miljun fl-2013, EUR 170 miljun fl-2014 u EUR 160 miljun fl-2015 addizzjonali. Barra minn hekk, id-dħul proprju tal-gvern lokali ser jiżdied b'mill-anqas EUR 105 miljun fl-2012 u EUR 170 miljun fl-2013, EUR 130 miljun fl-2014 u EUR 145 miljun fl-2015 addizzjonali, permezz ta' żieda fid-dħulijiet minn pedaġġ, tariffi, drittijiet u fonti ta' dħul oħra b'konsegwenta tal-fużjoni tal-amministrazzjonijiet lokali, u żieda fil-konformità mat-taxxi lokali wara l-introduzzjoni ta' rekwiżit ta' ċertifikat tal-ikklerjar tat-taxxa lokali.

*Tnaqqisiet fin-nefqa mill-baġit tal-investiment pubbliku (investiment pubbliku ffinanzjat domestikament u sovvenzjonijiet relatati mal-investiment) u l-kostijiet amministrattivi b'EUR 950 miljun fl-2011,* li minnhom EUR 350 miljun ser ikun permanenti, u EUR 154 miljun oħra (kostijiet amministrattivi) fl-2012.

*Żiediet fit-taxxi b'mill-inqas EUR 2 017 fl-2011, u addizzjonalment EUR 3 678 miljun fl-2012, EUR 156 miljun fl-2013 u EUR 685 miljun fl-2014,* permezz ta' żieda fir-rata tal-VAT fuq ir-restoranti u l-barijiet minn 13 għal 23 % minn Settembru 2011 'il quddiem; żieda fit-taxxi fuq il-proprjetà; tnaqqis fil-livell limitu tal-introjtu mhux taxxabbli għal EUR 8 000 u l-istabiliment ta' kontribuzzjoni progressiva ta' solidarjetà; żidiet fit-tassazzjoni preżuntiva u imposti fuq dawk li jaħdmu għar-rashom; tnaqqis fl-eżenzjonijiet/nefqiet fiskali; bidliet fir-reġim tat-taxxa għall-prodotti tat-tabakk, bi ħlas aċċellerat tad-dazju tas-sisa u fl-istruttura tat-taxxa; sisa fuq il-luminati; sisa fuq il-gass naturali u l-gass likwifikat; abolizzjoni tal-vantaġġ fiskali fuq iż-żejt tat-tisħin (għall-intrapriżi minn Ottubru 2011 'il quddiem, u progressivament għall-unitajiet domestiċi minn Ottubru 2011 sa Ottubru 2013); żieda fit-taxxa fuq il-vetturi; kontribuzzjonijiet ta' emerġenza fuq il-vetturi, il-motoċikli u l-pixxini; multi ogħla fuq bini mhux awtorizzat u saldu tal-każijiet ta' ksur fl-ippjanar; tassazzjoni fuq id-dgħajjes u l-jottijiet privati; imposta speċjali fuq immobiljari ta' valur għoli; u imposta speċjali fuq l-ispazji tat-tipjip.

*Titjibiet fil-konformità tat-taxxa b'mill-inqas EUR 878 miljun fl-2013, u addizzjonalment EUR 975 miljun fl-2014 u EUR 1 147 miljun fl-2015.*

*Żidiet fil-ġbir tal-kontribuzzjonijiet soċjali b'mill-inqas EUR 629 miljun fl-2011 u addizzjonalment EUR 259 miljun fl-2012, EUR 714 miljun fl-2013, EUR 1 139 miljun fl-2014 u EUR 504 miljun fl-2015,* permezz tal-implimentazzjoni sħiħa ta' sistema waħda unifikata tas-salarji u l-metodu tal-pagament tal-kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni; żieda fir-rati tal-kontribuzzjonijiet għall-benefiċjarji tal-OGA u l-ETAA; stabiliment ta' fond ta' solidarjetà tal-benefiċjarji tal-OAEE; l-aġġustament fil-kontribuzzjonijiet tal-qgħad għall-impjegati fis-settur privat; l-introduzzjoni tal-kontribuzzjoni tal-qgħad għal min jaħdem għar-rasu; u kontribuzzjoni għal qgħad imħallsa mill-impjegati fis-settur pubbliku, inklużi l-intrapriżi tal-istat, il-gvernijiet lokali u entitajiet pubbliċi oħra.

*ANNESS II*

**Deċiżjoni mħassra flimkien ma' lista tal-emendi suċċessivi tagħha**

| | |
|---|---|
| Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/320/UE tat-10 ta' Mejju 2010 | (ĠU L 145, 11.6.2010, p. 6) |
| Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/486/UE tas-7 ta' Settembru 2010 | (ĠU L 241, 14.9.2010, p. 12) |
| Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/57/UE tal-20 ta' Diċembru 2010 | (ĠU L 26, 29.1.2011, p. 15) |
| Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/257/UE tas-7 ta' Marzu 2011 | (ĠU L 110, 29.4.2011, p. 26) |

*ANNESS III*

**Tabella ta' korrelazzjoni**

| Id-Deċiżjoni 2010/320/UE | Din id-Deċiżjoni |
|---|---|
| L-Artikolu 1 | L-Artikolu 1 |
| L-Artikolu 2(1) | L-Artikolu 2(1) |
| L-Artikolu 2(2), kliem introduttorju | L-Artikolu 2(2), kliem introduttorju |
| L-Artikolu 2(2)(a) | L-Artikolu 2(2)(a) |
| L-Artikolu 2(2)(c) | Artikolu 2(2)(b) |
| L-Artikolu 2(2)(d) | L-Artikolu 2(2)(c) |
| L-Artikolu 2(2)(e) | L-Artikolu 2 (2) (d) |
| L-Artikolu 2(2)(f) | L-Artikolu 2 (2) (e) |
| L-Artikolu 2(2)(g) | L-Artikolu 2(2)(f) |
| L-Artikolu 2(2)(h) | L-Artikolu 2(2)(g) |
| L-Artikolu 2 (2)(i) | L-Artikolu 2(2)(h) |
| L-Artikolu 2(2)(j) | L-Artikolu 2 (2)(i) |
| L-Artikolu 2(2)(k) | L-Artikolu 2(2)(j) |
| L-Artikolu 2(2)(l) | L-Artikolu 2(2)(k) |
| L-Artikolu 2(2)(m) | L-Artikolu 2(2)(l) |
| L-Artikolu 2 (2)(n) | L-Artikolu 2(2)(m) |
| L-Artikolu 2(2)(o) | L-Artikolu 2 (2)(n) |
| L-Artikolu 2(2)(p) | L-Artikolu 2(2)(o) |
| L-Artikolu 2(2)(q) | L-Artikolu 2(2)(p) |
| L-Artikolu 2(3), kliem introduttorju | L-Artikolu 2(3), kliem introduttorju |
| L-Artikolu 2(3)(a) | L-Artikolu 2(3)(a) |
| L-Artikolu 2(3)(b) | L-Artikolu 2(3)(b) |
| L-Artikolu 2(3)(f) | L-Artikolu 2(3)(c) |
| L-Artikolu 2 (3)(i) | L-Artikolu 2 (3) (d) |
| L-Artikolu 2(3)(j) | L-Artikolu 2 (3) (e) |
| L-Artikolu 2(3)(k) | — |
| L-Artikolu 2(3)(l) | L-Artikolu 2(3)(f) |
| L-Artikolu 2(3)(m) | L-Artikolu 2(3)(g) |
| L-Artikolu 2 (3)(n) | L-Artikolu 2(3)(h) |
| L-Artikolu 2(3)(o) | L-Artikolu 2(3)(i) |
| L-Artikolu 2(3)(q) | L-Artikolu 2(3)(j) |

| Id-Deċiżjoni 2010/320/UE | Din id-Deċiżjoni |
|---|---|
| L-Artikolu 2(3)(r) | L-Artikolu 2(3)(k) |
| L-Artikolu 2(3)(s) | L-Artikolu 2(3)(l) |
| L-Artikolu 2(3)(t) | L-Artikolu 2(3)(m) |
| L-Artikolu 2(3)(u) | L-Artikolu 2 (3)(n) |
| L-Artikolu 2(3)(v) | L-Artikolu 2(3)(o) |
| L-Artikolu 2(3)(w) | — |
| L-Artikolu 2(3)(x) | L-Artikolu 2(3)(p) |
| L-Artikolu 2(3)(y) | L-Artikolu 2(3)(q) |
| L-Artikolu 2(3)(z) | L-Artikolu 2(3)(r) |
| L-Artikolu 2(3)(aa) | L-Artikolu 2(3)(s) |
| L-Artikolu 2(3)(bb) | L-Artikolu 2(3)(t) |
| L-Artikolu 2(3)(cc) | L-Artikolu 2(3)(u) |
| L-Artikolu 2(3)(dd) | L-Artikolu 2(3)(v) |
| L-Artikolu 2(3)(ee) | L-Artikolu 2(3)(w) |
| L-Artikolu 2(3)(ff) | L-Artikolu 2(3)(x) |
| L-Artikolu 2(3)(gg) | L-Artikolu 2(3)(y) |
| L-Artikolu 2(3)(hh) | L-Artikolu 2(3)(z) |
| L-Artikolu 2(4), kliem introduttorju | L-Artikolu 2(4), kliem introduttorju |
| L-Artikolu 2(4)(b) | L-Artikolu 2(4)(a) |
| L-Artikolu 2(4)(c) | L-Artikolu 2(4)(b) |
| L-Artikolu 2 (4) (d) | — |
| L-Artikolu 2 (4) (e) | L-Artikolu 2(4)(c) |
| L-Artikolu 2(4)(f) | L-Artikolu 2 (4)(d) |
| L-Artikolu 2(4)(g) | L-Artikolu 2 (4)(e) |
| L-Artikolu 2(4)(h) | L-Artikolu 2(4)(f) |
| L-Artikolu 2(4)(i) | L-Artikolu 2(4)(g) |
| L-Artikolu 2(4)(j) | L-Artikolu 2(4)(h) |
| L-Artikolu 2(4)(k) | L-Artikolu 2(4)(i) |
| L-Artikolu 2(4)(l) | — |
| L-Artikolu 2(5), kliem introduttorju | L-Artikolu 2(5), kliem introduttorju |
| L-Artikolu 2(5)(a) | L-Artikolu 2(5)(a) |
| L-Artikolu 2(5)(b) | — |
| — | L-Artikolu 2(5)(b) u (c) |

| Id-Deċiżjoni 2010/320/UE | Din id-Deċiżjoni |
|---|---|
| L-Artikolu 2(5)(c) | L-Artikolu 2 (5)(d) |
| L-Artikolu 2(5)(d) | L-Artikolu 2(5)(e) |
| L-Artikolu 2(5)(e) | — |
| L-Artikolu 2(5)(f) | L-Artikolu 2(5)(f) |
| L-Artikolu 2(5)(g) | — |
| — | L-Artikolu 2(5)(g) |
| L-Artikolu 2(5)(h) | L-Artikolu 2(5)(h) |
| L-Artikolu 2(5)(i) | L-Artikolu 2(5)(i) |
| — | L-Artikolu 2(5)(j)-(q) |
| L-Artikolu 2(6), kliem introduttorju | L-Artikolu 2(6), kliem introduttorju |
| L-Artikolu 2(6)(a) | L-Artikolu 2(6)(a) |
| L-Artikolu 2(6)(b) | L-Artikolu 2(6)(b) |
| L-Artikolu 2(6)(c) | L-Artikolu 2(6)(c) |
| L-Artikolu 2(6)(d) | L-Artikolu 2(6)(d) |
| L-Artikolu 2(6)(e) | L-Artikolu 2(6)(e) |
| L-Artikolu 2(6)(f) | — |
| — | L-Artikolu 2(6)(f)-(p) |
| L-Artikolu 2(7), kliem introduttorju | L-Artikolu 2(7), kliem introduttorju |
| L-Artikolu 2(7)(a) | L-Artikolu 2(7)(a) |
| L-Artikolu 2(7)(b) | L-Artikolu 2(7)(b) |
| L-Artikolu 2(7)(d) | L-Artikolu 2(7)(c) |
| L-Artikolu 2(7)(e) | L-Artikolu 2(7)(d) |
| L-Artikolu 2(7)(f) | L-Artikolu 2(7)(e) |
| — | L-Artikolu 2(7)(f) - (h) |
| L-Artikolu 2(8), kliem introduttorju | L-Artikolu 2(8), kliem introduttorju |
| L-Artikolu 2(8)(a) | L-Artikolu 2(8)(a) |
| — | L-Artikolu 2(8)(b) |
| L-Artikolu 3 | L-Artikolu 3 |
| L-Artikolu 4 | L-Artikolu 4 |
| — | L-Artikolu 5 |
| L-Artikolu 5 | L-Artikolu 6 |
| L-Artikolu 6 | L-Artikolu 7 |
| — | Annessi I, II u III |

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2011/735/PESK

## tal-14 ta’ Novembru 2011

## li temenda d-Deċiżjoni 2011/273/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fid-9 ta’ Mejju 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/273/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja [1].

(2) Fit-23 ta’ Ottubru 2011, il-Kunsill Ewropew iddikjara li l-UE se timponi aktar miżuri kontra r-reġim Sirjan sakemm ir-ripressjoni tal-popolazzjoni ċivili se titkompla.

(3) Fid-dawl tas-serjetà tas-sitwazzjoni fis-Sirja, il-Kunsill iqis li jeħtieġ jiġu imposti miżuri restrittivi addizzjonali.

(4) Il-Bank Ewropew tal-Investiment għandu jissospendi l-ħruġ ta’ flus jew ħlas ieħor taħt jew f’konnessjoni ma’ ftehimiet ta’ self eżistenti mas-Sirja kif ukoll il-Kuntratti dwar Servizzi ta’ Assistenza Teknika għal proġetti sovrani li qegħdin fis-Sirja.

(5) Barra minn hekk, l-informazzjoni rigward persuna waħda fil-lista fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2011/273/PESK għandha tiġi aġġornata.

(6) Id-Deċiżjoni 2011/273/PESK għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fid-Deċiżjoni 2011/273/PESK, qed jiżdied l-Artikolu li ġej:

“*Artikolu 2e*

Dan li ġej għandu jiġi pprojbit:

(a) kwalunkwe ħruġ ta’ flus jew ħlas mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) taħt jew f’konnessjoni ma’ kwalunkwe ftehim ta’ self eżistenti, li daħħlu għalih, bejn is-Sirja u l-BEI;

(b) il-kontinwazzjoni ta’ kwalunkwe Kuntratt eżistenti dwar Servizz ta’ Assistenza Teknika mill-BEI għal proġetti sovrani li qegħdin fis-Sirja.".

*Artikolu 2*

Fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2011/273/PESK, l-annotazzjoni għal Nizar AL-ASSAAD għandha tinbidel bl-annotazzjoni li tinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta’ Novembru 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

[1] ĠU L 121, 10.5.2011, p. 11.

*ANNESS*

**Persuna msemmija fl-Artikolu 2**

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Nizar Al-Assad (نزار الأسد) | Kuġin ta' Bashar Al-Assad; preċedentement kap tal-kumpannija "Nizar Oilfield Supplies". | Qrib ħafna ta' uffiċjali ewlenin tal-Gvern. Jiffinanzja lil Shabiha fir-reġjun ta' Latakia. | 23.08.2011 |

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL 2011/736/PESK

## tal-14 ta' Novembru 2011

## li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/273/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fid-9 ta' Mejju 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/273/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja ([1]).

(2) Fit-23 ta' Ottubru 2011, il-Kunsill Ewropew iddikjara li l-UE ser timponi aktar miżuri kontra r-reġim Sirjan sakemm tkompli r-ripressjoni tal-popolazzjoni ċivili.

(3) Fid-dawl tas-serjetà tas-sitwazzjoni fis-Sirja, il-Kunsill iqis li huwa meħtieġ li jiġu imposti miżuri restrittivi addizzjonali.

(4) Għandhom jiddaħħlu persuni addizzjonali fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi kif tinsab fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2011/273/PESK.

(5) Id-Deċiżjoni 2011/273/PESK għandha tiġi emendata skont il-każ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-persuni elenkati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni għandhom jiżdiedu mal-lista li tinsab fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2011/273/PESK.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Novembru 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

([1]) ĠU L 121, 10.5.2011, p. 11.

*ANNESS*

**Persuni msemmija fl-Artikolu 1**

| | Kunjom | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data ta' elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Maġġur Ġenerali Jumah Al-Ahmad | | Kmandant tal-Forzi Speċjali. Responsabbli għall-użu ta' vjolenza kontra d-dimostranti madwar is-Sirja. | 14.11.2011 |
| 2. | Kurunell Lu'ai al-Ali | | Kap tal-Intelligence Militari Sirjana, Fergħa ta' Dera'a. Responsabbli għall-vjolenza kontra d-dimostranti f'Dera'a. | 14.11.2011 |
| 3. | Logutenent Ġenerali Ali Abdullah Ayyub | | Kap Deputat tal-Persunal Ġenerali (Persunal u Forza tax-Xogħol). Responsabbli għall-użu ta' vjolenza kontra dimostranti madwar is-Sirja. | 14.11.2011 |
| 4. | Logutenent Ġenerali Jasim al-Furayj | | Kap tal-Persunal Ġenerali. Responsabbli għall-użu ta' vjolenza kontra dimostranti madwar is-Sirja. | 14.11.2011 |
| 5. | Ġeneral Aous (Aws) ASLAN | Imwieled fl-1958 | Kap ta' battaljun fi ħdan il-Gwardja Repubblikana. Qarib ta' Maher al-ASSAD u tal-President al-ASSAD. Ipparteċipa fir-ripressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili madwar it-territorju Sirjan. | 14.11.2011 |
| 6. | Ġeneral Ghassan BELAL | | Ġeneral Kmandant tal-uffiċċju riżervat tar-raba' diviżjoni. Kunsillier ta' Maher al-ASSAD u koordinatur tal-operazzjonijiet ta' sigurtà. Responsabbli għar-ripressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili madwar it-territorju Sirjan. | 14.11.2011 |
| 7. | Abdullah BERRI | | Jidderiġi l-milizzji tal-familja BERRI. Responsabbli għall-milizzji progovernattivi implikati fir-ripressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili f'ALEP. | 14.11.2011 |
| 8. | George CHAOUI | | Membru tal-Armata elettronika Sirjana. Ipparteċipa fir-ripressjoni vjolenti u inkoraġġixxa l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili madwar it-territorju Sirjan. | 14.11.2011 |
| 9. | Maġġur Ġenerali Zuhair Hamad | | Kap Deputat tad-Direttorat Ġenerali tal-Intelligence. Responsabbli għall-użu ta' vjolenza madwar is-Sirja u għall-intimidazzjoni u t-tortura ta' dimostranti. | 14.11.2011 |
| 10. | Amar ISMAEL | | Ċivil - Kap tal-Armata elettronika Sirjana (servizz ta' informazzjoni tal-forza tal-art). Ipparteċipa fir-ripressjoni vjolenti u inkoraġġixxa l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili madwar it-territorju Sirjan. | 14.11.2011 |
| 11. | Mujahed ISMAIL | | Membru tal-Armata elettronika Sirjana. Ipparteċipa fir-ripressjoni vjolenti u inkoraġġixxa l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili madwar it-territorju Sirjan. | 14.11.2011 |

| | Kunjom | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data ta' elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 12. | Saqr KHAYR BEK | | Deputat Ministru tal-intern. Responsabbli għar-ripressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja. | 14.11.2011 |
| 13. | Maġġur Ġenerali Nazih | | Direttur Deputat tad-Direttorat Ġenerali tal-Intelligence. Responsabbli għall-użu ta' vjolenza madwar is-Sirja u għall-intimidazzjoni u t-tortura ta' dimostranti. | 14.11.2011 |
| 14. | Kifah MOULHEM | | Kmandant ta' battaljun fi ħdan ir-raba' diviżjoni. Responsabbli għar-ripressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili f'Deïr el-Zor. | 14.11.2011 |
| 15. | Ġeneral Maġġur Wajih Mahmud | | Kmandant tat-18-il Diviżjoni Armata. Responsabbli għall-vjolenza kontra d-dimostranti f'Homs | 14.11.2011 |
| 16. | Bassam SABBAGH | Imwieled fl-24 ta' Awwissu 1959 f'Damas. Indirizz: Kasaa, Triq Anwar al Attar, bini al Midani, Damas. Passaport Sirjan n°004326765 maħruġ fit-2.11.2008, validu sa Novembru 2014. | Imexxi l-kabinett Sabbagh u Associés (Damas), Avukat fil-Barreau de Paris. Kunsillier legali, finanzjarju u amministratur tal-affarijiet ta' Rami Makhlouf et de Khaldoun Makhlouf. Assoċjat ma' Bachar al-Assad fil-finanzjament ta' proġett ta' bini f'Lattaquié. Ipprovda appoġġ għall-finanzjament tar-reġim. | 14.11.2011 |
| 17. | Ġeneral Luogotenent Tala Mustafa Tlass | | Kap Deputat tal-Persunal Ġenerali (Loġistika u provvisti). Responsabbli għall-użu ta' vjolenza kontra dimostranti madwar is-Sirja. | 14.11.2011 |
| 18. | Maġġur Ġeneral Fu'ad Tawil | | Kap Deputat tal-Forza tal-Ajru Sirjana Responsabbli għall-użu ta' vjolenza madwar is-Sirja u mill-intimidazzjoni u t-tortura ta' dimostranti. | 14.11.2011 |

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tad-9 ta' Novembru 2011

## li temenda r-Regolament intern tagħha

(2011/737/UE, Euratom)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 249 tiegħu,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni 2010/138/UE, KEEA tal-24 ta' Frar 2010 li temenda r-Regolament intern tagħha [1],

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-President tal-Kummissjoni C(2011)8000 tas-27 ta' Ottubru 2011,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Għandu jiżdied il-paragrafu (5) ġdid mal-Artikolu 12 tar-Regolament Intern tal-Kummissjoni, kif ġej:

"5. Kull membru tal-Kummissjoni li jkun jixtieq jissospendi proċedura bil-miktub fil-qasam tal-kordinazzjoni u s-sorveljanza tal-politiki ekonomiċi u tal-baġit tal-Istati Membri, b'mod partikolari fiż-żona tal-Euro, għandu jindirizza talba motivata f'dan is-sens lill-President, liema talba għandha tindika espliċitament l-elementi tal-abbozz ta' deċiżjoni li tkun tirrigwarda, fuq il-bażi ta' evalwazzjoni imparzjali u oġġettiva tal-mument, tal-istruttura, tar-raġunament jew tar-riżultat tad-deċiżjoni proposta.

Jekk il-President iqis li din il-motivazzjoni ma tkunx fondata u jekk it-talba għal sospensjoni tinżamm, huwa jista' jiċħad is-sospensjoni u jiddeċiedi li l-proċedura bil-miktub titkompla; f'dan il-każ, is-Segretarju Ġenerali għandu jistaqsi lill-membri l-oħra tal-Kummissjoni għall-pożizzjoni tagħhom biex jiżgura li l-kworum stabbilit fl-Artikolu 250 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea huwa rrispettat. Il-President jista' wkoll jinkludi l-punt, għall-finijiet tal-adozzjoni tiegħu, fl-aġenda tal-laqgħa li jkun imiss tal-Kummissjoni."

*Artikolu 2*

Għandu jiżdied il-paragrafu 5a ġdid mal-Artikolu 23 tar-Regolament Intern tal-Kummissjoni, kif ġej:

"5a. Hija obbligatorja l-konsultazzjoni mad-Direttorat Ġenerali għall-affarijiet ekonomiċi u finanzjarji fil-każ tal-inizjattivi kollha li jirrigwardaw jew li jkollhom impatt potenzjali fuq it-tkabbir, il-kompetittività jew l-istabbiltà ekonomika fl-Unjoni Ewropea jew fiż-żona tal-Euro."

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Novembru 2011.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 55, 5.3.2010, p. 60.

DEĊIŻJONIJIET

2011/734/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2011 indirizzata lill-Greċja bl-għan li ssaħħaħ u tapprofondixxi s-sorveljanza fiskali u li tavża lill-Greċja biex tieħu miżuri għat-tnaqqis tad-defiċit, liema miżuri huma meqjusa neċessarji sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv** 38

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/735/PESK tal-14 ta' Novembru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2011/273/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja** ........................................ 53

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/736/PESK tal-14 ta' Novembru 2011 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/273/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja** ..................... 55

2011/737/UE, Euratom:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2011 li temenda r-Regolament intern tagħha** 58

MT

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 100 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 770 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 400 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i<br>tal-Kompetizzjoni | Eur 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT